

Misraħ Kirkop lejn nofs is-seklu 20 waqt purċissjoni mit-tfal tad-duttrina bil-Madonna ta' Fatima. Jidher il-bini tal-Każin qabel din saret is-sede tal-Għaqda Mużikali San Leonardu (ritratt Angelo Spiteri)

# L-Istorja Legali tas-Sede tal-Għaqda Mużikali San Leonardu

**Dr Anton John Mifsud**
LL.B., Dip. Not. Pub., M.A. (Financial Services), LL.D.

*Forsi ftit japprezzaw li bil-kisbiet u d-delużjonijiet tagħha l-Għaqda Mużikali San Leonardu kitbet paġni ta' importanza nazzjonali fl-istorja legali ta' pajjiżna, tant li l-każ tagħna jifforma parti integrali mis-sillabu tal-kors tal-liġi tal-Università ta' Malta. L-Avukat u l-Assistent Segretarju ħabrieki. Anton John Mifsud joffrilna din l-analiżi oġġettiva tat-tarġiet kollha ta' din l-istorja ta' 60 sena. Għalkemm illum faċli niġġudikaw jeħtieġ li aħna u naqraw ma naħsbux bil-mentalità tal-2012 imma nippruvaw ninterpretaw l-avvenimenti fil-kuntest ta' meta seħħew. L-Għaqda llum tinsab konvinta li kull kumitat tal-passat ħadem biss għall-avvanz ta' din is-Soċjetà. Ta' min japprezza dan il-kontribut ta' Anton bħala dokument għall-ġenerazzjonijiet futuri.*

## 1. Introduzzjoni

Fid-dawl tal-avvenimenti u t-turbulenzi kollha li għaddiet minnhom l-Għaqda tagħna f'dawn l-aħħar snin ħsibt li jkun xieraq li niġbor f'dawn il-paġni riassunt ta' dak kollu li ġara f'dawn l-aħħar sittin sena sabiex din l-informazzjoni tiġi dokumentata għall-futur u anke sabiex wieħed iżomm dawn il-ġrajjiet quddiem għajnejh qabel jieħu ċerti deċiżjonijiet li jista' jkollhom implikazzjonijiet kbar fuq l-Għaqda fil-futur.

Tul il-kitba kollha li ġiet riċerkata fuq perjodu ta' sena sħiħa (u li ser inkompli namplifika fuqha fix-xhur u fis-snin li ġejjin) għamilt dak kollu possibbli biex il-fatti jitniżżlu kif verament ġraw. Għalkemm għixt bi qrubija kbira wħud mill-isbaħ u mill-agħar mumenti li ser nirrakkonta, dak kollu li ktibt ktibtu b'mod spassjonat u oġġettiv għall-aħħar. F'dawk il-każi fejn għaddejt ġudizzju suġġettiv, dan għamiltu b'mod ċar li juri li din hija l-opinjoni personali tiegħi u li din mhux neċessarjament tirrifletti l-pożizzjoni legali jew l-opinjoni tal-Kumitat Ċentrali li nifforma parti minnu.

Minħabba li l-parti prinċipali ta' dan l-istudju hija kkaratterizzata minn żewġ ordnijiet ta' rekwiżizzjoni li nħarġu fi żminijiet differenti u li ġew ikkontestati fi żminijiet differenti, wieħed jista' jinnota li dak li ktibt ma jsegwix kronoloġija lineari mill-bidu sal-aħħar. Madankollu, jsegwi kronoloġija lineari jekk wieħed jarah mill-punto di vista tar-rekwiżizzjonijiet rispettivi. Għal dan il-għan, min mhuwiex midħla tal-istorja tas-sede tagħna jista' jitfixkel xi ftit hu u jaqra. Sabiex jiġi minimizzat dan l-inkonvenjent, użajt kemm stajt '*flashbacks*' u '*flash forwards*' sabiex kulħadd ikun jista' jsegwi.

Fl-aħħar nett, dan l-artiklu mhuwiex maħsub biex jagħti stampa dettaljata tal-istorja tas-sede tal-Għaqda, anzi, jidħol biss fl-aspetti legali li jmissu ma' dan is-suġġett. Għal studju erudit dwar l-istorja tas-sede li kellha l-Għaqda minn żmien għal żmien nistedinkom taqraw l-istudju interessanti ferm li kien ippubblika s-Segretarju s-Sur Kenneth Cassar fil-programm tal-festa tas-sena anniversarja 2008.

## 2. Misraħ San Leonardu

Sa xi sittin sena ilu l-Għaqda Mużikali San Leonardu kienet tokkupa post promimenti ġewwa Misraħ San Leonardu qrib ħafna ta' fejn illum hemm ir-residenza tal-Kappillan. Minn riċerka li għamilt ġewwa d-Dipartiment tal-Artijiet, sibt li din l-art qatt ma kienet proprjetà tal-Għaqda iżda tal-Knisja; infatti fir-riċerki jissemma l-Kappillan Dun Mikiel Spiteri. Li mhuwiex ċert huwa t-titlu li taħtu l-Għaqda kienet tokkupa din l-art partikolari u għalkemm għamilt riċerka dwar dan xorta waħda bqajt ma sibt xejn – jista' jkun li dan il-porzjon art kien mikri jew forsi anke misluf lill-Għaqda.



Is-sede l-antika tal-Għaqda f'Misraħ San Leonardu
(ritratt Joe Agius)

Li hu żgur huwa li fis-snin ħamsin, il-Gvern ta' dak iż-żmien kien żgombra lill-Għaqda tagħna minn din l-art sabiex iwessa' dak li llum huwa Misraħ San Leonardu. Dan sar permezz ta' ordni ta' akkwiżizzjoni 426 li kienet koperta minn:

- Notifikazzjoni numru 596 maħruġa fl-24 ta Ottubru, 1950 maħruġa mill-Gvernatur Gerald Creasy fuq istruzzjonijiet tal-Prim Ministru Nerik Mizzi u li kienet tkopri:
    - Terran numru 32, Pjazza Kirkop, Ħal Kirkop;
    - Dar numri 33, 34, Pjazza Kirkop, Ħal Kirkop;
    - Korp ta' bini b'daħla komuni numru 1, Sqaq numru 1, Pjazza Kirkop, Ħal Kirkop;
    - Dar numru 2, Sqaq numru 1, Pjazza Kirkop, Ħal Kirkop – sa dak iż-żmien kien hemm sqaq f'dawn l-inħawi;
    - Dar numru 13, Triq San Rokku, Ħal Kirkop.



Dun Mikiel Spiteri
(Kappillan 1943-1952)



Sir Gerald Creasy
(Gvernatur 1949-1954)



Nerik Mizzi
(Prim Ministru 1950)



Pjanta ma' Notifikazzjoni tal-Gvern 596

- Notifikazzjoni numru 693 maħruġa fit-22 ta' Novembru, 1956 maħruġa mill-Gvernatur Robert Laycock fuq struzzjonijiet tal-Ministru tax-Xogħlijiet u Rikostruzzjoni Ġużè Ellul Mercer u li kienet tkopri l-fond numru 1, Pjazza Kirkop, Ħal Kirkop.

Dawn l-ordnijiet saru bis-saħħa li kien jagħti l-artiklu 3 tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitalu 136 tal-Liġijiet ta' Malta). Interessanti li l-Gvern ma ħax il-proprjetà (*ownership*) tal-art, iżda ħa biss il-pussess u l-użu *"għal ma' tul iż-żmien illi l-eżiġenzi tal-iskop pubbliku jirrikjedu"*. Dan kien ifisser illi s-sidien ta' dawn l-artijiet baqgħu sidien fl-interità tagħhom. Infatti ninsab infurmat ukoll illi sussegwentement, partijiet minn dawn il-proprjetajiet indikati aktar 'il fuq, kienu ġew rilaxxati lis-sidien (jew lill-eredi tagħhom) permezz ta' rapport datat 4 ta' Novembru, 1970 li jifforma parti mill-fajl PW356/70 u hekk kif murija fuq pjanta Land Drawing 218/70.

GOVERNMENT NOTICE

[No. 596.]

THE following declaration made by His Excellency the Governor under section 3 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 136), is published in terms and for the purposes of section 8 (1) thereof.

24th October, 1950.

ENRICO MIZZI,
Prime Minister.

DECLARATION BY THE GOVERNOR

I hereby declare that the undermentioned land is required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 136), and that the acquisition thereof is to be for the possession and use thereof for such time as the exigencies of the public purpose require.

*Description of the Land.*

Terran at No. 32, Kirkop Square, Kirkop,
House at Nos. 33, 34, Kirkop Square, Kirkop,
Group of Tenements with common entrance at No. 1, Alley No. 1, Kirkop Square, Kirkop,
House at No. 2, Alley No. 1, Kirkop Square, Kirkop,
House at No. 13, St. Roque's Street, Kirkop.

(Sgd.) GERALD CREASY,
Governor.

Further information may be obtained from the Office of the Public Works, Valletta.

[Nru. 596.]

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur bis-saħħa ta' l-artiklu 3 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitlu 136), hija hawnhekk imxandra skond u għall-finijiet ta' l-artiklu 8 (1) ta' dik l-Ordinanza.

L-24 ta' Ottubru, 1950.

ENRICO MIZZI,
Prim Ministru.

DIKJARAZZJONI TAL-GVERNATUR

Jien hawnhekk b'din niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija hija meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitlu 136) u illi l-akkwist ta' dik l-art għandu jkun għall-pussess u użu tagħha għal ma' tul iż-żmien illi l-eżiġenzi ta' l-iskop pubbliku jirrikiedu.

*Deskrizzjoni ta' l-art.*

Terran Nru. 32, Pjazza Kirkop, Hal Kirkop,
Dar Nri. 33, 34, Pjazza Kirkop, Hal Kirkop,
Korp ta' bini b'daħla komuni Nru. 1, Sqaq Nru. 1, Pjazza Kirkop, Hal Kirkop,
Dar Nru. 2, Sqaq Nru. 1, Pjazza Kirkop, Hal Kirkop,
Dar Nru. 13, Triq San Rokku, Hal Kirkop.

(Iff.) GERALD CREASY,
Gvernatur.

Informazzjonijiet oħrajn jistgħu jittieħdu mill-Uffiċċju tax-Xogħlijiet Pubbliċi, Il-Belt Valletta.

Notifikazzjoni tal-Gvern 596, 24 ta'Ottubru 1950

GOVERNMENT NOTICES

[No. 693.]

THE following declaration made by His Excellency the Governor under section 3 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 136), is published in terms and for the purposes of section 8 (1) thereof.

26th November, 1956.
(Treas. 3264/56).

J. ELLUL MERCER,
*Minister of Works and Reconstruction.*

DECLARATION BY THE GOVERNOR

I hereby declare that the undermentioned land is required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 136) and that the acquisition thereof is to be for the possession and use thereof for such time as the exigencies of the public purpose require.

*Description of the land*

The premises at No. 1, Kirkop Square, Kirkop.

22nd November, 1956.

(Sgd.) R. E. LAYCOCK,
*Governor.*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

[Nru. 693.]

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur bis-saħħa ta' l-artiklu 3 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitlu 136), hija pubblikata skond u għall-finijiet ta' l-artiklu 8 (1) ta' dik l-Ordinanza.

Is-26 ta' Novembru, 1956.

J. ELLUL MERCER,
*Ministru tax-Xogħlijiet u Rikostruzzjoni.*

DIKJARAZZJONI TAL-GVERNATUR

Jiena hawnhekk niddikjara illi l-art imsemmija hawn taħt hija meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitlu 136) u illi l-akkwist tagħha [illegible] jkun għall-pussess [illegible] tagħha għal dak iż-żmien illi l-bżonnijiet ta' l-iskop pubbliku jitolbu.

*Deskrizzjoni ta' l-art*

Il-fond Nru. 1, Pjazza Kirkop, Hal Kirkop.

It-22 ta' Novembru, 1956.

(Iff.) R. E. LAYCOCK.
*Gvernatur.*

Notifikazzjoni tal-Gvern 693, 22 ta' Novembru 1956

Dan kollu kien ifisser li l-Għaqda spiċċat mingħajr sede għal żmien qasir sakemm ingħatalha sede ġdid hekk kif ser jiġi spjegat aktar 'l isfel.

## 3. Misraħ Kirkop

### 3.1 L-ewwel rekwiżizzjoni

#### 3.1.0.1 Rikonoxximent ta' inkwilin

Dak li llum huwa s-sede tal-Għaqda Mużikali San Leonardu kien u għadu proprjetà tal-familja Vella, oriġinarjament ta' Pasquale Vella, imbagħad ta' wliedu eredi tiegħu. Skont sorsi li ltqajt magħhom u

kellimthom dwar dan, jidher li fi żmien il-gwerra dan il-post kien jintuża bħala lok fejn kienu jsibu kenn ir-refuġjati tal-gwerra. Wara kien jintuża wkoll bħala skola tal-gvern sakemm inbniet waħda ġdida.

Fit-22 ta' Marzu, 1955, il-*Housing and Reconstruction Secretary* kien ħareġ avviż numru 14349A, li bih kien irrekwiżizzjona mingħand Pasquale Vella l-fond li llum jinsab minbi fuqu s-sede tal-Għaqda. Permezz ta' dan l-avviż, il-pussess tal-proprjetà ttieħed minn idejn Vella (li baqa' s-sid leġittimu tal-art), liema pussess ġie vestit b'titolu ta' kera fl-Għaqda Mużikali San Leonardu.

Ftit taż-żmien wara, preċiżament fit-2 ta' Mejju, 1955, Pasquale Vella kkonsenja ċ-ċwievet tal-fond lid-Dipartiment tad-Djar. Salvu Sacco, li kien il-Kaxxier tal-Għaqda ta' dak iż-żmien kien daħal fi trattattivi ma' Pasquale Vella sabiex dan jirrikonoxxi lill-Għaqda bħala inkwilin tal-proprjetà. Peress li dan ma sarx, il-*Housing and Reconstruction Secretary* kien interpella lil Pasquale Vella permezz ta' ittra uffiċjali tat-23 ta' Mejju, 1957 sabiex dan ir-rikonoxximent isir. Peress li Vella baqa' joġġezzjona, huwa kien fetaħ kawża lill-istess *Housing and Reconstruction Secretary*, li dak iż-żmien kien rappreżentat mill-Ministru Ġużè Ellul Mercer.

Fir-rikors tiegħu Vella argumenta li huwa m'għandux jiġi mġiegħel jirrikonoxxi lill-Għaqda bħala inkwilin minħabba li:

1) Il-fond ġie esproprjat għal skop ta' abitazzjoni min-nies però kien qiegħed jintuża bħala każin;

2) Il-Gvern ma pprovdiex garanziji adegwati għall-ħlas tal-okkupazzjoni - ipprovda biss sittin lira ta' dak iż-żmien;

3) Il-Gvern ma pprovdiex garanziji għar-riparazzjoni jew ħlas ta' danni meta ssir ir-restituzzjoni tal-fond.

L-artiklu 8(3) tal-Att II tal-1949 li kien jittratta dwar dan is-suġġett kien jipprovdi li sid ta' art rekwiżizzjonata huwa intitolat li jirrifjuta li jirrikoxxi lill-persuna li għandha jkun għadda l-pussess tal-art kemm-il darba t-tbatija sofferta mis-sid tkun tali li jkollha konsegwenzi ħorox. Permezz tas-sentenza tagħha tal-1 ta' Frar, 1958 mogħtija mill-Onor. Imħallef Dr. A. V. Camilleri fl-ismijiet *Pasquale Vella vs Onor Joseph Ellul Mercer noe.*, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat ir-raġun lil Pasquale Vella u awtorizzatu ma jirrikonoxxix lill-Għaqda bħala l-inkwilin.

Il-Qorti argumentat li *"ma jistax jiġi dubitat li hemm differenza markata bejn meta fond jiġi mikri lil familja u meta l-istess fond jiġi mikri għal skop ta' każin."* Dan minħabba li skont il-Qorti, fil-każ ta' każin, il-fond jintuża biss bħala *"rifuġju rikreattiv jew edukattiv"*. F'dak li għandu x'jaqsam mal-manutenzjoni tal-post, il-Qorti argumentat li filwaqt li fil-każ ta' familja din tieħu ħsieb il-post kif jixraq minħabba li tkun trid tgħix fih, fil-każ ta' każin *"ma tirrikorrix dik l-istess kawtela, dak l-istess interess u dak l-istess sentiment, l-għaliex il-konsegwenzi tan-nuqqas tal-obbligi tal-konduttur ma jaqgħux direttament fuq il-membri 'uti singuli', li, fil-kampanja aktar minn ċentri oħra, għandhom l-inklinazzjoni li pjuttost jaħsbu għal rashom, u mhux soċjalment jew b'mod ieħor kif jaħsbu dawk li jgħixu ħajja komuni. Fil-kampanjoli, fi kliem ieħor, huwa aktar minn band'oħra fejn huwa kontrollat, prepotenti l-ħsieb bażat fuq l-interess u stimolu individwali milli l-ħsieb jew stimolu dettat mill-interess komunali u ġenerali tal-assoċjati."*

Il-Qorti kompliet illi "*ikun irid jieħu l-affarijiet biċ-ċajt min jgħid li l-użu ta' fond bħala każin ma jġibx bħala konsegwenza naturali deperizzjoni aktar estiża, intensa u aċċelerata tal-istess fond u aċċessorji tiegħu*" u li "*min jieħu r-riskju li jikri fond bħala każin fid-distretti tal-kampanja jkun sa ċertu punt u f'ċerti limiti qiegħed jipperikola aktar minn ħaddieħor il-proprjetà tiegħu*". Dan anke minħabba "*l-possibbilità li l-istess fond jista' jiġi danneġġjat minn xi membri ta' soċjetatjiet oħra avversarji għal dik l-istess soċjetà li tkun qiegħda tokkupa. Fil-verità jingħad illi l-ispirtu partitarju fil-kampanja ma hux kontrollat bħalma jista' u ġeneralment ikun kontrollat f'ċentri aktar ċivilizzati; u bosta drabi għan-nuqqas ta' edukazzjoni tal-menti u l-qalb, fl-irħula ċerti individwi jirrikorru, aċċjekati mill-ispirtu ta' parti, għall-vendikazzjonijiet, kif nafu, li saru diversi drabi, bħalma huma l-appostar ta' bombi jew f'każ ta' kwistjonijiet ma' partiti ta' soċjetajiet oħra għat-tfiegħ ta' balavostri minn fuq il-bejt.* "

Il-Qorti żiedet illi "*inkonvenjent ieħor u li fil-kampanja huwa ta' rikorrenza fi kwalunkwe festività, huwa l-isparar ta' kaxxi infernali minn fuq il-bejt tal-każin, li ħafna drabi jikkaġunaw ħsara għat-torba u d-deffun tal-istess bjut.*"

Għalkemm l-argument tal-Qorti ċertament li għandu bażi legali soda meta jsir kuntrast bejn il-każ ta' familja u dak ta' każin, inħoss illi huwa ferm inġust li l-Qorti toħloq paragun bejn in-nies hekk imsejħa 'kampanjoli' u nies oħrajn – bir-rispett kollu lejn il-Qorti kif komposta dak iż-żmien, it-tendenza li wieħed jaħseb għal rasu ma ssibhiex biss fil-kampanjoli iżda anke f'nies li tistenna aħjar mingħandhom in vista tal-livell tal-edukazzjoni li jkollhom.

Bħala konsegwenza ta' din is-sentenza, Pasquale Vella ġie awtorizzat ma jirrikonoxxix lill-Għaqda Mużikali San Leonardu bħala l-inkwilini tiegħu. Dan l-istat baqa jippersisti sal-lum il-ġurnata, minħabba li l-eredi ta' Vella baqgħu qatt ma rrikonoxxew lill-Għaqda. Konsegwentement, minn sena għal sena l-Kumitat tal-Għaqda kien ikollu jiddepożita dawn il-flejjes, ammontanti għal Lm30 fis-sena mad-Dipartiment tal-Akkomodazzjoni Soċjali sabiex b'hekk ikun qiegħed jonora l-obbligazzjonijiet tiegħu xorta waħda. Dan l-istat baqa' jipperdura sal-2008 meta d-Dipartiment ma' baqax jaċċetta l-flus tal-kera, kawża ta' bidla fil-politika interna tal-Gvern fir-rigward tal-artijiet rekwiżizzjonati – liema ħaġa jiena qatt ma stajt nifhem – jekk il-Gvern kien kontra tali rekwiżizzjoni kien imissu jirrevoka l-ordni huwa stess minflok ma jadotta attitudni passiva u jħalli lill-Qorti tiddeċiedi hi, biex hu la jfuħ u lanqas jinten ma' ħadd. Għaldaqstant, minn dakinhar il-kera bdiet tiġi depożitata ġewwa l-Qorti. Li huwa ferm interessanti huwa l-fatt li fl-2004, iben Pasquale Vella, it-tabib Dr. Carmel Vella, ġabar il-kera għas-snin 1979-2004 mid-Dipartiment tad-Djar permezz ta' *payment voucher* bin-numru 6308001052. Wieħed jista' biss jispekula dwar ir-raġuni għalfejn il-kirja bejn is-snin 1955 u 1979 ma nġabritx – personalment m'għandix idea għaliex seta' ġara dan.


Is-sede tal-Għaqda Mużikali San Leonardu fl-1956, sena wara l-ordni ta' rekwiżizzjoni (ritratt Joe Agius)

### 3.1.0.2 Rikors Konvenzjonali

Fis-27 ta' Marzu, 2007, ġie ppreżentat rikors konvenzjonali bin-numru 15/07 quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Konstituzzjonali) ppreseduta mill-Onor. Imħallef Dr. Anna Felice fl-ismijiet

*Josephine Vella vs Direttur tal-Akkomodazzjoni Soċjali, l-Avukat Ġenerali u l-Każin tal-Banda San Leonardo ta' Ħal Kirkop.* Josephine Vella kienet wirtet il-fond mingħand missierha Pasquale Vella u xtaqet li l-pussess tal-fond jiġi ritornat lilha.

Fir-rikors tagħha, Vella allegat li l-ordni ta' rekwiżizzjoni maħruġa fit-3 ta' Diċembru, 1955 ma kinitx *"fl-interess pubbliku, u li ma kien hemm ebda proporzjonalità jew bilanċ bejn il-kumpens li qiegħed jitħallas lir-rikorrent u l-valur attwali tal-fond fuq is-suq illum".* Apparti minn hekk, dan l-istat ta' fatt kien ilu jipperdura għal aktar minn 50 sena u ma kien hemm ebda tama li dan l-istat ta' fatt seta' jinbidel fil-futur qrib. Vella allegat ukoll illi l-ordni ta' rekwiżizzjoni maħruġa fil-konfront tagħha kienet diskriminatorja minħabba li hija kienet qed tiġi mġiegħla ġġorr piż li suppost iġorru l-iStat u minħabba li ma ntmesset ebda proprjetà oħra fir-raħal – fl-opinjoni tiegħi, din tal-aħħar hija raġuni fażulla għall-aħħar, aktar u aktar għaliex Vella argumentat li *"ma kien hemm ebda raġuni valida fil-liġi għaliex kellha tittieħed il-proprjetà tagħha għall-benefiċċju ta' każin u mhux ta' ħaddieħor".*

Skont Vella, dan kollu kien jammonta għal ksur tad-drittijiet fundamentali tagħha għat-tgawdija tal-proprjetà taħt artiklu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, kif ukoll id-dritt li ma ssofrix diskriminazzjoni, bi ksur tal-artiklu 14 tal-istess Konvenzjoni. Għaldaqstant Vella talbet ukoll lill-Qorti tordna lill-intimati kollha sabiex iħallsu kumpens xieraq u anke biex il-Qorti *"tagħti dawk il-provvedimenti kollha li jidhrilha xierqa u opportuni biex titneħħa effettivament il-vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tagħha inkluż ordni lill-intimat biex jirritornalha l-pussess tal-fond fuq imsemmi."*

Permezz ta' nota ta' sottomissjonijiet ippreżentata fil-31 ta Jannar, 2011, Vella kompliet targumenta li l-fond ma kienx qed jintuża għal skop pubbliku *"iżda purament fl-interess tal-istess każin tal-Banda".* Hi u tagħmel dan, Vella kkwotat is-sentenza tat-30 ta' Diċembru, 1993 fl-ismijiet *Dottor Carmelo, Philip, Michael u Jessie aħwa Vella vs is-Segretarju tad-Djar, Leonard Muscat u Remiġ Sacco bħala President u Segretarju rispettivament tal-Każin tal-Banda San Leonardo ta' Ħal Kirkop,* u li sejra tiġi eżaminata aktar 'l isfel fil-kuntest tat-tieni rekwiżizzjoni. Hija argumentat ukoll illi Lm30 kera fis-sena huwa ammont sproporzjonat meta kkumparat mal-valur attwali tal-fond fuq is-suq u kkwotat lill-perit tagħha, is-sur Anthony A. Briffa li kien ta stima ta' Lm750 fix-xahar bħala kera ġust.

Ta' min wieħed jieqaf ftit hawnekk u jirrifletti fuq punt legali importanti. Il-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (u li taħtha kienet qed tippreżenta l-kawża tagħha Josephine Vella) bdiet tifforma parti mil-liġi domestika ta' Malta fl-1987 permezz tal-Att dwar il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, Kapitlu 319 tal-Liġijiet ta' Malta. Meta l-Gvern ta' dak iż-żmien iddomestika din il-Konvenzjoni, ma xtaqx illi jiftaħ il-kaxxa ta' Pandora b'tali mod illi kwalunkwe persuna setgħet tiftaħ kawża fuq kwalunkwe allegat ksur ta' drittijiet, sar meta sar. Għaldaqstant il-Gvern xtaq li jillimita d-dritt li wieħed jiftaħ kawża għal dak il-ksur ta' drittijiet li jkun ġara mit-30 ta' April, 1987 'il quddiem. Il-fatt li kienet qiegħda tipprotesta dwaru Vella, madankollu, kien ilu li ġara mill-1955. Għaldaqstant wieħed seta' jargumenta ili la l-allegat ksur sar fl-1955 filwaqt li l-Att dwar il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali daħal fis-seħħ fl-1987, allura Vella ma kellhiex id-dritt tistrieħ fuq l-istess Att. Fil-fatt dan kien wieħed mill-argumenti li ġabu d-Direttur tal-Akkomodazzjoni Soċjali u l-Għaqda sabiex jipprovaw jirribattu t-talba ta' Vella. Madankollu, ta'

min wieħed ifakkar illi ġurisprudenza kostanti mogħtija mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tgħid illi meta jkun hemm deprivazzjoni mill-użu tal-proprjetà, dan ma jikkostitwix att istantanju iżda huwa fatt kontinwat li jibqa' jipperdura t-tul kollu taż-żmien li wieħed jibqa' mċaħħad mill-proprjetà tiegħu. Dan ifisser li allura, l-Att kellu jsib applikabilità talanqas mill-1987 'il quddiem. Jekk imbagħad kienx hemm jew le ksur ta' drittijiet kienet kwistjoni għal kollox separata.

Permezz ta' nota ta' sottomissjonijiet, l-Għaqda rribattiet it-talbiet attriċi billi qalet illi ma kien ebda ksur tad-drittijiet fondamentali tal-bniedem minħabba li Vella baqgħet is-sid tal-art u baqgħet tirċievi l-kera mingħand l-Għaqda. Apparti minn hekk, l-iskop pubbliku li għalih jittieħed art mill-Gvern, jista' jkun kemm dirett kif ukoll indirett. Għaldaqstant – u anke jekk dan ma kienx il-każ fil-każ tal-Għaqda - proprjetà privata tista' saħansitra tittieħed biex jiġu promossi attivitajiet kummerċjali li jkunu direttament jew anke indirettament fl-interess pubbliku, sakemm dak l-interess pubbliku, dirett jew indirett, jibqa' jissussisti għall-perjodu kollu ta' dik l-interferenza. Dan hekk kif mgħallem fis-sentenza deċiża fit-8 ta' Jannar, 2007, bl-okkju *Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici Ghaxaq v. Kummissjoni tal-Artijiet.* Ma' dan l-argument naqbel mija fil-mija għaliex il-karattru tal-interess pubbliku ma jinbidilx skont u ma jiddependix min-natura ta' min ikun qiegħed jikkonduċi l-istess attività fl-interess pubbliku.

Apparti minn hekk, l-Għaqda argumentat illi fil-każ *Mellacher and Others v. Austria* deċiż fl-1989, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kienet qatgħet illi *"meta l-iskop pubbliku jkun wieħed soċjali, il-valur li jiġi pretiż minn sid il-fond bħala kumpens tal-użu li qed isir mill-fond ma jistax jitkejjel mal-valur li l-fond iġib fis-suq: dment illi l-ammont, żgħir kemm hu żgħir, "pursues a purpose of general interest which was not manifestly without foundation", dan huwa ġustifikat u legalment aċċettat."* Hawnhekk ma naqbilx mal-argument tal-Għaqda il-għaliex ebda sid ta' proprjetà ma għandu jiġi spussessat minn ħwejġu mingħajr ma jingħata kumpens ġust – u l-ammont tal-kumpens m'għandux jitqies ġust jew le skont jekk l-iskop pubbliku jkunx wieħed ta' natura soċjali jew xort'oħra. Il-kumpens għandu jkun ġust fi kwalunkwe ċirkostanza.

Hi u tikkwota minn każijiet oħra internazzjonali li ġew deċiżi mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, l-Għaqda argumentat illi *"l-Istat għandu marġini wiesa' fid-dritt li jikkontrolla l-użu tal-proprjetà* speċjalment *fl-implimentazzjoni ta' policies ta' natura soċjo-ekonomika."* L-Għaqda nsistiet ukoll li jekk stess kien hemm xi ksur ta' xi dritt, dan ma sarx minnha iżda sar mill-awtoritajiet governattivi. Dan minħabba li l-Għaqda *"mxiet biss ma' ordni leġittima li ħareġ il-Gvern ta' dak iż-żmien u għalhekk ma għandhiex tbati l-konsegwenzi ta' aġir tal-istess Gvern. Semmai, l-Istat kellu jara li ma joħroġx dak l-ordni li jista' jinstab li kien bi ksur tal-Konvenzjoni u jekk ħareġ l-ordni bi ksur tal-Konvenzjoni għandu jkun huwa l-uniku responsabbli u mhux il-Każin tal-Banda intimata."* Għaldaqstant l-Għaqda talbet illi jekk il-Qorti kellha ssib ksur tad-drittijiet ta' Vella, ir-rimedju kellu jkun illi l-Gvern jikkumpensa lil Vella b'tali mod li l-Għaqda ma tiġix affetwata fit-tgawdija tagħha tal-fond in kwistjoni.

Inkwantu għall-allegazzjoni ta' Vella li sofriet xi forma ta' diskriminazzjoni, l-Għaqda rribattiet billi qalet li r-rikorrenti ma ppruvatx li kien hemm xi trattament differenti bejn żewġ kwalitajiet ta' persuni – u anke kieku stess kien hemm tali trattament diskriminatorju, dan kien ġustifikat inkwantu kien hemm għan leġittimu u proporzjonat li joħloq bilanċ bejn l-interessi tal-komunità u dawk tal-individwu.

Rigward l-allegazzjoni li Vella sofriet xi telf minħabba xi bdil li kien sar fil-fond, l-Għaqda kkwotat xhieda li Leonard Calleja, dak iż-żmien Segretarju tal-Għaqda, kien ta f'kawża oħra. Huwa kien qal illi fost l-oħrajn, l-Għaqda kienet bidlet il-bieb ta' barra għax kien mimli susa u ċ-ċappetti kienu marru, bidlet il-madum u mmodernizzat il-kamra li llum il-ġurnata hija użata għall-bar. Dan kollu kellu min-natura ta' benefikat – u għaldaqstant l-Għaqda argumentat li Vella ma sofriet ebda dannu.

L-Għaqda temmet in-nota ta' sottomissjonijiet tagħha billi reġgħet insistiet illi jekk stess kien hemm xi ksur ta' xi dritt, dan kien sar mill-Gvern u mhux minnha. Għal din ir-raġuni l-Għaqda tenniet li f'każ bħal dan, ir-rimedju kellu jkun illi l-Gvern jikkumpensa lil Vella b'tali mod li l-Għaqda ma tiġix affetwata fit-tgawdija tagħha tal-fond in kwistjoni.

### 3.1.0.2.1 Is-sentenza

Il-ġurnata tat-Tlieta 11 ta' Ottubru, 2011, sabet lili, lill-President is-sur Louis Zammit, lis-Segretarju s-sur Kenneth Cassar u lill-Kaxxier tal-Għaqda s-sur Daniel Bonnici fl-awla tal-Imħallef l-Onor. Dr. Anna Felice nistennew li tingħata s-sentenza. Il-Qorti ddeċidiet li tilqa' t-talbiet kollha ta' Josephine Vella u tikkundanna lill-intimati jħallsu lil Vella kumpens ta'€60,000 bejniethom, in kwantu għal tlett kwarti (€45,000) mid-Direttur għall-Akkomodazzjoni Soċjali u kwart (€15,000) mill-Għaqda. Apparti dan, il-Qorti ordnat lill-Għaqda biex fi żmien tlett xhur mid-data tas-sentenza, tiżgombra mill-fond 14, Kirkop Square, Kirkop, u tirritorna l-pussess tal-istess fond lil Josephine Vella. L-ispejjez tal-kawża kellhom jitħallsu mill-Għaqda u mid-Direttur għall-Akkomodazzjoni Soċjali fi kwoti ndaqs bejniethom.

Il-Qorti eżaminat artiklu 1 tal-Ewwel Protokoll anness mal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali li jgħid illi:

*Kull persuna naturali jew persuna morali għandha dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha. Ħadd ma għandu jiġi pprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku u bla ħsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali.*

*Iżda d-disposizzjonijiet ta' qabel ma għandhom b'ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta' proprjetà skont l-interess ġenerali jew biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni.*

Hi u ssegwi l-ġurisprudenza ta' dawn l-aħħar snin, il-Qorti qalet illi hemm żewġ eżamijiet li jridu jiġu sodisfatti sabiex it-teħid ta' proprjetà da parti tal-awtoritajiet tista' titqies ġustifikata u ċioe', il-ħtieġa ta' interess pubbliku kif ukoll kumpens xieraq. Fl-eżaminazzjoni tagħha dwar jekk il-proprjetà ttiħditx fl-interess pubbliku, il-Qorti għamlet referenza fit-tul u kkwotat paragrafi sħaħ mis-sentenza tat-30 ta' Diċembru, 1993 u li sejra tiġi eżaminata f'aktar dettall aktar 'l isfel. Mingħajr ma tat raġuni waħda għalfejn kienet qiegħda tagħmel dan, il-Qorti qatgħetha illi f'dan il-każ, il-proprjetà ma kinitx ġiet rekwiżizzjonata fl-interess pubbliku għaliex is-siwi soċjali u kulturali tal-każini tal-banda *"ma jammontax għall-interess pubbliku kif rikjest mill-Konvenzjoni u interpretat mill-Qrati."*

Apparti minn hekk, il-Qorti qatgħet ukoll illi *"wieħed ma jridx sforz mentali kbir biex jasal* għall-*konklużjoni li... kera irriżorju ta' tletin Lira Maltin m'hija kumpens xejn."* Dan kien jikkostitwixxi piż eċċessiv u sproporzjonat fuq Vella. Personalment, naqbel mija fil-mija mar-raġunament

tal-Qorti f'dan ir-rigward, kif ser nispjega f'aktar dettall aktar 'l isfel.

Hi u tiddeċiedi dwar l-allegazzjoni ta' Vella li kien hemm xi diskriminazzjoni fil-konfront tagħha, il-Qorti qalet illi *"t-teħid sar minn fost kumpless sħiħ ta' bini li, fiż-żmien mod, u issa ieħor, jikkomponi r-raħal. Huwa fatt ovvju illi ma ttiħdux id-djar kollha fir-raħal biex jitgawdew mill-każin. Tali sitwazzjoni fil-fehma ta' din il-Qorti hija minnha nnifisha diskriminatorja."* Bid-dovut rispett lejn il-Qorti, fl-opinjoni tiegħi dan huwa raġunament żbaljat għall-aħħar – mhijiex din it-tip ta' diskriminazzjoni li hija pprojbita mill-Konvenzjoni, għaliex allura biex ma jkunx hemm diskriminazzjoni, kelli jiġi rekwiżizzjonat raħal sħiħ.

Għal dawn ir-raġunijiet kollha, il-Qorti ordnat lill-Għaqda u lill-Gvern iħallsu lil Vella s-somma ta'€60,000 bejniethom in kwantu għal €45,000 mid-Direttur għall-Akkomodazzjoni Soċjali u €15,000 mill-Għaqda. L-Għaqda ġiet ikkundannata tħallas porzjon minn dan il-kumpens minħabba li *"kien il-każin intimat li dejjem gawda mis-sitwazzjoni inġusta li sofriet ir-rikorrenti u li għadha qed issofri. Madanakollu, ġaladarba d-durata tal-inġustizzja kienet dejjem bil-kunsens tal-awtoritajiet huma dawn tal-aħħar li jridu jerfgħu l-parti l-kbira tal-piż tal-kumpens".*

Nistqarr illi din is-sentenza ma ħasditni xejn għaliex kont kważi ċert x'kienet ser tagħmel il-Qorti f'dan il-każ. Il-Qorti segwiet il-ġurisprudenza tas-sentenza tat-30 ta' Diċembru, 1993 mingħajr ebda konsiderazzjoni tal-fatt illi l-ġurisprudenza kienet inbidlet ftit mhux ħażin minn dak iż-żmien lil hawn. Sħabi wkoll kienu ppeparati għal dan u tista' tgħid illi għalkemm ħriġna mill-bini tal-Qorti nkwetati, konna kalmi fl-istess ħin. Dakinhar stess tas-sentenza filgħaxija ltqajna l-membri tal-Kumitat Ċentrali u ftehmna li tissejjaħ seduta ġenerali straordinarja tas-soċi u li kellna nipproponu lis-soċi li l-Għaqda tappella mis-sentenza – mhux għax kien hemm xi tama kbira li stajna nirbħu l-każ, iżda biex talanqas nirbħu ftit żmien ieħor u ma nispiċċawx fit-triq fi żmien tlett xhur.


IN-NAZZJON
32 Lokali
L-Erbgħa, 12 ta' Ottubru, 2011

**Il-Qorti tordna li post ta' każin ta' banda jingħata lura lis-sid**

...u kumpens lis-sid ta' €60,000

minn Ray ABDILLA

Il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili prese-duta mill-Imħallef Anna Felice ordnat lill-Każin tal-Banda San Leonardo ta' ... Diċembru, 1955 permezz ta' ordni ta' rekwiżizzjoni mill-"Gvern" u allokat lill-Każin tal-Banda San Leonardo ta' ... rekwiżizzjoni ma kinitx fl-interess pub-bliku u ma hemm l-ebda proporzjonal-ità jew bilanċ bejn il-kumpens li ...

In-Nazzjon, l-Erbgħa, 12 ta' Ottubru, 2011, p.32


l-orizzont 7
Il-Ħamis, 13 ta' Ottubru, 2011

Seduta ġenerali fi ftit żmien biex jiġi deċiż jekk jappellawx

**Il-Każin Banda San Leonardo jitlef is-sede**

minn VICTOR VELLA

"Fi żmien qasir għandha ssir laqgħa tal-kumitat u wara seduta ġenerali, biex jiġi deċiż jekk għandux isir appell minn din id-deċiżjoni. Is-sentenza hi dik li hi u rridu naraw iċ-ċirkostanzi kollha. Żgur li l-akbar uġigħ ta' ras bħalissa hi t-tagħlim tal-mużika lit-tfal, għax jekk ma jsirx l-appell, irridu noħorġu mis-sede. Għandi r-riservi tiegħi tad-

Sallum is-sede tal-Każin Banda San Leonardo

L-Orizzont, il-Ħamis 13 t'Ottubru, 2011, p.7

Waqt is-seduta ġenerali tas-17 ta'

*The Times,*
il-Ħamis 13
t'Ottubru,
2011, p.4


THE TIMES | Thursday, October 13, 2011

**Requisition order from 1955 found in breach of human rights**

A court yesterday ordered the St Leonard's Band Club of Kirkop to vacate its premises within three months, ruling that a 1955 requi-

Ottubru, 2011 ġiet diskussa s-sitwazzjoni. Ġie maqbul unanimament ukoll illi l-Għaqda kellha tappella sabiex tirbaħ ftit taż-żmien. Ta' min hawnhekk wieħed japprezza l-prudenza kbira li żammew is-soċi. Dawn kienu jafu li jiena flimkien mal-President, is-Segretarju u l-Kaxxier konna għaddejjin f'ħidma bla heda fuq pjan sabiex nakkwistaw biċċa art li fuqha seta' jinbena s-sede ġdid tal-Għaqda. Naturalment, il-fatt li konna ġejna kkundannati nivvakaw is-sede attwali fi żmien tlett xhur kien ifisser li kienet ser tikber il-kurżità u l-pressjoni min-naħa tas-soċi biex ikunu jafu x'kien qed jinħema – xejn minn dan. Anzi, s-soċi wrew maturità kbira u fehmu li ċertu diskors f'dan l-istadju bikri seta' jservi biss ta' ħsara għall-Għaqda.

Ippermettuli hawnhekk naqsam ħsieb ċkejken magħkom. Dakinhar li ngħatat is-sentenza tat-Tlieta 11 ta' Ottubru, 2011, kif wieħed jista jistenna, kont iddispjaċut ħafna. Pero ddispjaċieni bil-wisq aktar meta fil-għaxija ngħaddi minn quddiem is-sede tal-Għaqda San Ġużepp u nara l-faċċata tal-każin mixgħula, turija ta' ferħ illi l-Għaqda tagħna kienet tilfet il-każ quddiem il-Qorti. Li tifraħ bil-ħsara ta' ħaddieħor minflok bit-tajjeb tiegħek stess hija ammissjoni ta' kumpless ta' inferjorità, turija ta' njoranza mill-iktar grassa li ma tagħmilx ġieh lil min imexxi tali soċjetà u hija sintomu tal-bassezza li kapaċi jinżel fiha min moħħu l-ħin kollu f'ħaddieħor. Meta l-ispirtu partitarju li tant isebbaħ il-festi Maltin jagħti lok għal ħdura spjetata ta' dan it-tip, allura verament ikollna nammettu li l-festi Maltin, jew talanqas uħud minnhom, tassew messew il-qiegħ u bdew iħaffru fih.

### 3.1.0.2.2 L-appell tal-Għaqda

Fl-appell tagħha, l-Għaqda kkontestat bl-aktar mod qawwi d-deċiżjoni tal-Qorti li permezz tagħha ddikjarat li l-ordni ta' rekwiżizzjoni tal-fond in kwistjoni ma kinitx saret fl-interess pubbliku. L-Għaqda nsistiet li l-art kienet rekwiżizzjonata għal skopijiet soċjali u kulturali, li kienu skopijiet fl-interess pubbliku. Il-fatt illi l-Għaqda kienet Għaqda privata u mhux pubblika ma jbiddel xejn minn dan kollu, għax l-iskop xorta jibqa' wieħed soċjali u kulturali, u allura fl-interess pubbliku. Infatti, l-Qorti Kostituzzjonali kienet tat sentenza fit-30 ta' Novembru, 2001 fl-ismijiet *Mario Cutajar noe v. Kummissarju tal-Art et*, u li fiha qalet illi "*ma jista' jkun hemm assolutament l-ebda dubju li l-operazzjoni u t-tmexxija ta' sptar privat, anke jekk immexxi fuq linji kummerċjali, għandha kontenut soċjali qawwi in kwantu tali servizz ta' kura jifforma parti mill-infrastruttura ta' kura aċċessibbli għall-pubbliku in ġenerali. Dan jakkwista aktar sinifikat f'ċirkostanzi fejn l-Istat – kif hu paċifiku li seħħ fiż-żmien rilevanti – jaddotta politika li jiffavorixxi l-parteċipazzjoni tal-privat biex jipprovdi faċilitajiet ta' kura alternattivi għal dawk tal-isptarijiet pubbliċi. Ma kien hemm allura l-ebda dubju illi l-fatt li kien ser jiġi żviluppat sptar privat kien fih innifsu żvilupp ta' interess pubbliku.*" Din is-sentenza tafferma l-argument tal-Għaqda illi wieħed għandu jiffoka fuq jekk l-attività partikolari hijiex fl-interess pubbliku jew le, flok ma jiffoka fuq min qed jikkonduċi dik l-attività.

L-Għaqda lmentat ukoll illi l-Prim'Awla lanqas biss tat każ tal-fatt illi hija għandha funzjoni kulturali u edukattiva, konsistenti fit-tagħlim tal-mużika b'xejn għal kull min ikun interessat. Kompliet targumenta illi jekk stess il-Qorti kellha ssib li l-ordni ta' rekwiżizzjoni saret fl-interess pubbliku però fl-istess waqt Vella kienet batiet piż sproporzjonat, ir-rimedju ma kellux ikun li l-Għaqda tiġi ordnata tivvaka l-fond – ir-rimedju kellu jkun li l-ammont tal-kera jiġi modifikat sabiex jintlaħaq il-bilanċ neċessarju.

Fl-aħħarnett, l-Għaqda reġgħet insistiet illi jekk stess kien hemm xi ksur, dan kellu jwieġeb għalih l-iStat, u mhux l-Għaqda nnifisha. Min-naħa tagħha, l-Għaqda dejjem imxiet mal-

ordni li kien ħareġ il-Gvern, u kellu jkun il-Gvern innifsu li jara li kull ordni li tinħareġ tkun konformi mal-liġijiet – jekk dan ma seħħx, allura għandu jkun il-Gvern innifsu li jwieġeb għal kwalunkwe ħsara li tkun saret.

### 3.1.0.2.3 L-appell tal-Gvern

Apparti mill-Għaqda, mis-sentenza tat-Tlieta 11 ta' Ottubru, 2011 ħassew li kellhom jappellaw kemm l-Avukat Ġenerali, kif ukoll id-Direttur tal-Akkomodazzjoni Soċjali. Dan sar f'appell konġunt intavolat minn Dr. Christian Falzon Scerri għan-nom tal-Avukat Ġenerali.


Is-sede li kienet tas-soċjetà

**Ta' San Leonardu se jappellaw**

■ F'laqgħa ġenerali li saret nhar it-Tnejn filgħaxija, il-membri tas-Soċjetà Mużikali ... fi Pjazza Kirkop, u bil-faċċata li għandha tiddomina sew din il-pjazza.

L-Orizzont, l-Erbgħa 19 t'Ottubru, 2011, p.6

Il-Gvern ħassu aggravat bil-fatt li l-Prim'Awla ddeċidiet illi t-teħid tal-propretà għall-użu ta' każin tal-banda ma sarx fl-interess ġenerali. Il-gvern qal illi skont ġurisprudenza kostanti kemm lokali kif ukoll internazzjonali, "*l-iStat igawdi minn latitudni wiesgħa ħafna fl-implimentazzjoni tal-politika soċjali u ekonomika.*" Apparti minn hekk, ir-raġunament tas-sentenza attakkata ma kienx loġiku peress illi "*d-deduzzjoni loġika li tinżel minn dan il-pronunzjament ġudizzjali hija li ma jista' qatt ikun hemm skop pubbliku jekk l-attività kulturali tkun qed tiġi patronizzata minn persuna jew assoċjazzjoni privata. Fi kliem ieħor, għal dik il-Qorti huwa ċar li jekk il-każin tal-banda jkun qiegħed jitmexxa mill-awtoritajiet pubbliċi, allura dan ikun qiegħed iservi skop pubbliku. Jekk min-naħa l-oħra dan ikun ġestit minn* għaqda *privata bħalma hija l-Għaqda Mużikali ta' San Anard, allura ma jkun hemm ebda skop pubbliku iżda skop privat.*" Apparti minn hekk, il-ġurisprudenza ta' dawn l-aħħar snin kienet biddlet ftit mhux ħażin l-interpretazzjoni li kienet ingħatat fis-sentenza fil-konfront tal-Għaqda fit-30 ta' Diċembru, 1993. Infatti, dan l-aħħar il-Qrati kienu aċċettaw sitwazzjonijiet fejn ir-restrizzjoni fuq il-proprjetà ssir favur interessi pubbliċi ġestiti mill-privat u mhux minn awtoritajiet pubbliċi. Hu u jargumenta b'dan il-mod, il-Gvern aċċenna għas-sentenza tal-Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) mogħtija fis-27 ta' Frar, 2003, fl-ismijiet *Emmanuele Vella pro. et noe. vs Kummissarju tal-Artijiet et.* F'din is-sentenza kien ġie deċiż illi "*huwa ċertament fl-interess tal-pubbliku in ġenerali li jkun hemm camping site bil-faċilitajiet kollha li jmorru ma' tali sit, li l-pubbliku jkun jista' jagħmel użu minnu minflok ma' dak li jkun jaqbad u jikkampeġġja kif ġie ġie,* ***u dan anke jekk is-sit, li jrid fl-aħħar mill-aħħar jiġ ġestit minn xi ħadd, ikun ġestit mill-privat.***"

Aktar lejn żmienna, ingħatat sentenza oħra fuq l-istess linja. Dan sar fl-10 ta' Lulju, 2009 fil-kawża *Dr Renè Farrugia Randon et vs Kummissarju tal-Artijiet* fejn intqal illi "*il-fatt li terz privat, individwu, jibbenefika wkoll mill-esproprjazzjoni, jew ikun involut b'xi mod fit-tħaddim, anke jekk bi profitt għalih ta' proġ*ett li jkun fl-interess pubbliku u li jkun jirrikjedi esproprjazzjoni ta' art jew possediment ieħor, ma jfissirx neċessarjament *li dik l-esproprjazzjoni ma tkunx saret fl-interess pubbliku.*" Il-Gvern kompla jagħfas fuq dan il-punt billi kkwota mis-sentenza ta' *Victor Gatt et vs Avukat Ġenerali* mogħtija fil-5 ta' Lulju, 2011, fejn il-Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) irriaffermat illi "*jekk użu huwiex fl-interess ġenerali ma jiddependix fuq jekk is-servizz jingħatax mill-Gvern jew minn xi kumpanija privata. Dak li jgħodd huwa l-iskop aħħari li għalih proprjetà tkun qed tintuża. Lanqas ma huwa determinanti l-fatt li l-kumpanija privata li qed tagħti dak is-servizz pubbliku tagħmilx profitt jew le.*" F'dan il-każ, per eżempju, l-fatt li proprjetà kienet

ittieħdet sabiex tintuża bħala uffiċċju tal-posta minn soċjetà privata ma kien inaqqas xejn mill-fatt illi l-komunità in ġenerali kienet qiegħda tgawdi mis-servizzi postali li din kienet qiegħda toffri.

Hu u jagħmel dan, il-Gvern ilmenta li kien evidenti li l-Prim'Awla kienet qatgħet il-każ kif għamlet, sempliċement minħabba li l-Għaqda kienet assoċjazzjoni privata u mhux awtorità tal-Gvern. Kompla jenfasizza wkoll illi t-tkattir tal-identità kulturali u folkloristika ġewwa pajjiżna hija fl-interess pubbliku. Fl-opinjoni tal-Gvern, *"għaqdiet filarmoniċi, bħal dik ta' San Leonardu, barra li jsaħħu t-tradizzjonijiet u l-valuri kulturali tal-poplu Malti, għandhom ukoll funzjoni edukattiva u istruttiva għaliex mingħajr ma jitolbu flus, jippromwovu u joffru l-oportunità lil kulħadd sabiex jitgħallem u jidħol fid-dinja tal-mużika sabiex hekk jiġi żviluppat u mħeġġeġ ukoll it-talent lokali. Mhux biss joffru tagħlim b'xejn tal-mużika lill-apprendisti iżda dawn il-baned jagħtu wkoll strumenti mużikali mingħajr ħlas lill-bandisti kollha sabiex huma jkunu jistgħu jipprattikaw fuqhom imbagħad jagħtu s-servizzi mużikali tagħhom lill-pubbliku aktar 'il quddiem. Bit-tixrid tat-tagħlim tal-mużika, il-banda toffri matul is-sena kollha diversi servizzi u kunċerti mużikali li jpaxxu l-kotra kbira tan-nies li bi ħġarha tinġabar fl-irħula u fil-bliet Maltin u Għawdxin biex tismagħhom. Ħafna mid-drabi, jekk mhux dejjem, id-dħul għal dawn is-servizzi jew kunċerti jkunu wkoll b'xejn għall-pubbliku jew kontra xi donazzjoni, u allura jkunu miftuħa u aċċessibbli għal kulħadd.*

*Barra minn hekk, il-baned għandhom ukoll irwol fundamentali fiċ-ċelebrazzjonijiet tal-festi tradizzjonali tal-irħula tagħna billi dawn jakkumpanjawhom bil-marċi brijużi li jagħmlu. Imbagħad ma hemmx għalfejn jingħad, illi dawn il-festi reliġjużi apparti li huma integrali fil-kultura Maltija, jattiraw ħafna turisti fix-xhur tas-sajf u b'hekk minnhom tibbenefika wkoll l-ekonomija ta' pajjiżna.*

*Anke f'dak li għandu x'jaqsam ma' armar u nar fil-festi, il-kumitati ta' dawn l-attivitajiet joperaw u jaħdmu mill-każin tal-banda. Ma hemmx dubju f'dan ir-rigward li mingħajr l-involviment, il-ħidma, u l-organizzazzjoni ta' dawn l-għaqdiet, kieku l-festi li l-Maltin u l-barranin tant iħobbu u jgħożżu, kieku żgur illi ma jsirux. Tassew il-preżenza ta' dawn il-każini hija essenzjali biex ikomplu jissussistu dawn il-festi.*

*Magħdud ma' dan, il-każini tal-banda huma wkoll ċentri importanti ta' rikreazzjoni soċjali fejn għadd kbir ta' nies jistgħu jiltaqgħu u jissoċjalizzaw flimkien. Il-bibien ta' dawn il-każini huma miftuħin għal kulħadd mingħajr ħlas u mingħajr ebda restrizzjonijiet fuq età, sess, kulur, u fehma politika għalhekk, dawn il-każini jistgħu jiġu meqjusa bħala postijiet pubbliċi. Fil-verità, jekk tneħħi dawn il-każini, ħafna persuni ser jiġu mċaħħda mit-tieni dar tagħhom fejn imorru jqattgħu ftit ħin tal-ġurnata tagħhom u jinsew ftit il-problemi ta' kuljum. Saħansitra dawn il-każini jgħinu wkoll biex iż-żgħażagħ tagħna jkollhom ambjent ġenwin ta' rikreazzjoni fejn ikunu jistgħu jinġabru u jiltaqgħu u kif ukoll jiskopru u jħaddmu talenti ġodda.*

*In sintesi, fil-ħsieb tal-esponenti, meta wieħed iqabbel bir-reqqa l-interferenza mġarrba mir-rikorrenti appellata fit-tgawdija tal-proprjetà tagħha mal-vantaġġ u l-ġid soċjali u kulturali li l-poplu Malti qiegħed igawdi bis-saħħ tal-każini tal-banda, f'dan il-każ ġestit mill-Għaqda Filarmonika ta' San Leonardu, wieħed ma jistax ħlief jikkonkludi li l-iStat Malti fl-impenn tiegħu li jrawwem u jikkoltiva l-edukazzjoni u l-kultura fi ħdan il-komunità tagħna kien oġġettivament ġustifikat skont il-Konvenzjoni Ewropea li joħroġ l-ordni ta' rekwiżizzjoni…*

*The Sunday Times*, il-Ħadd 23 ta' Ottubru, 2011, p.6



6 | National — THE SUNDAY TIMES | October 23, 2011

# Band club will fight to retain premises

Juan Ameen

The San Leonard band club in Kirkop is fighting to remain on the premises it has used for over half a century after being told by a court to get out within three months.

The San Leonard club committee is filing an appeal against a court decision earlier this month which found that a requisition order issued in 1955 violated the owner's fundamental human rights.

The owner successfully contended that the requisition was in violation of her fundamental human right to enjoy her property.

"We are very disappointed. We expected the worst but it still hit us hard," band club secretary Kenneth Cassar told *The Sunday Times*.

The executive committee says it ... another property adjacent to the premises.

The 150-year-old club has faced several legal battles related to property and even won a landmark case in 1993 when the European Court of Human Rights held a retrial should take place after finding that a decision taken by three judges in a Maltese Court of Appeal breached the band club's right to an impartial hearing.

Eventually the club lost the case and ended up having to pay the €54,000 fine. The band club was slapped with another fine after the latest court decision also awarded the owner €60,000 in compensation.

Committee member Anton Mifsud pointed out that the current band club headquarters was used as a shelter in the war and then ...

The band club is located in the heart of the village. Photo: Darrin Zammit Lupi

*F'dan il-kuntest xejn ma jimporta li l-fond rekwiżizzjonat ġie allokat favur għaqda privata għaliex dak li tassew jgħodd huwa li mill-operat u mill-użu tal-każin qiegħed jibbenefika b'mod ġenerali l-poplu Malti kollu. Infatti, bis-saħħa ta' dan il-każin qiegħed jitqanqal u jixxerred f'pajjiżna l-interess u l-istudju fil-mużika u fl-arti u kif ukoll qed tiġi mħeġġa l-attività soċjali u kulturali."*

Il-Gvern imbagħad għadda biex jirribatti l-parti tas-sentenza fejn ġie dikjarat li Vella sofriet xi forma ta' diskriminazzjoni. Il-Gvern issottometta illi biex Vella tipprova li saret xi diskriminazzjoni kontra tagħha, hija kellha turi li kien hemm ħaddieħor fl-istess inħawi u fl-istess pjazza ta' Ħal Kirkop u li kellu proprjetà vojta u mhux użata u li din ukoll setgħet taqdi l-eżiġenzi tal-Għaqda. Apparti minn hekk, anke kieku stess kien hemm xi diskriminazzjoni fil-konfront ta' Vella, din kienet ġustifikabbli minħabba li l-funzjonijiet tal-Għaqda kienu fl-interess pubbliku.

Fl-aħħarnett, il-Gvern iċċensura wkoll ir-rimedji li tat il-Prim'Awla. Il-Gvern argumenta li s-somma ta €60,000 li ġiet likwidata bħala *'just satisfaction'* kienet waħda eċċessiva. Apparti minn hekk, il-Gvern ma qabel xejn mal-fatt li l-Għaqda ġiet ordnata tiżgombra. Dan minħabba li r-rekwiżizzjoni kienet saret fl-interess pubbliku. Jekk stess il-kera li kienet qed tirċievi Vella ma kinitx kera ġusta, allura r-rimedju kellu jkun li l-Qorti tordna awment fl-ammont ta' kera mħallas u mhux tordna rimedju estrem bħalma huwa l-iżgumbrament. F'dan il-kuntest, il-Gvern ammetta wkoll illi llum il-ġurnata s-somma ta Lm30 kera fis-sena ma tistax titqies bħala kera ġusta. Madankollu, dan ma kienx minn dejjem hekk, tant illi mill-1955 meta saret ir-rekwiżizzjoni sas-snin 80, dan l-ammont ċertament li kien jirrappreżenta kera ġust. Dan minħabba li kien biss lejn l-aħħar tas-snin 90 li l-prezzijiet tal-artijiet f'Malta żdiedu bil-kbir. Għaldaqstant, kwalunkwe kalkolu ta' kumpens f'dan ir-rigward ma jistax jiġi mkejjel mill-1955 'il quddiem bħallikieku l-ammont ta' kera annwali kien inġust minn dejjem. Ta' min wieħed iqis ukoll il-fatt illi kien Dr Carmel Vella nnifsu bħala awtur ta' oħtu Josephine Vella li ġabar il-kera għas-snin 1979-2004 mid-Dipartiment tad-Djar permezz ta' *payment voucher* bin-numru 6308001052. Dan allura, kien jammonta għal kunsens taċitu tal-fatt illi l-ammont imħallas f'dak iż-żmien kien jirrappreżenta l-kera ġust. Apparti minn hekk, ma kienx ġust illi Vella qagħdet tistenna 52 sena biex tintavola din il-kawża – minħabba f'hekk il-Gvern argumenta li Vella kellha tiġi penalizzata għat-tnikkir tagħha.

### 3.1.0.2.4 L-appell ta' Vella

Mis-sentenza tal-Prim'Awla appellat inċidentalment Josephine Vella. Filwaqt illi saħqet illi l-appelli tal-Għaqda u tal-Gvern kienu nfondati u allura kellhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż, hija

interponiet appell incidentali billi ħasset li l-kumpens dovut lilha għandu jkun ogħla biex jirrifletti verament it-telf kbir li hi għamlet tul is-snin. Apparti minn hekk hija argumentat illi l-Gvern u l-Għaqda kellhom jiġu misjuba solidalment responsabbili għad-danni – din kienet talba sabiex Vella tkun tista' ddur fuq l-Għaqda għas-somma kollha (€60,000), imbagħad sta għall-Għaqda li ddur fuq id-Dipartiment u l-Gvern sabiex tiġbor is-sehem ta' dawn. Dan il-proċess kollu jaħdem viċe-versa wkoll f'każ li s-somma tkun inġabret kollha minn Vella mingħand id-Dipartiment.

In-Nazzjon, it-Tlieta 29 ta' Mejju, 2012, p.32



**Il-Każin tal-Banda San Leonardo jista' jibqa' fejn hu**

Il-Qorti tal-Appell sede Kostituzzjonali bidlet sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili li kienet ordnat lill-Każin tal-Banda San Leonardo ta' Ħal Kirkop biex

iħallas €20,000 lil Josephine Mary Vella, li hija l-proprjetarja tiegħu, bl-€40,000 l-oħra jitħallsu mid-Direttur tal-Akkomodazzjoni Soċjali.

Din id-deċiżjoni ngħatat fl-

mingħand 'il-Gvern' u dan permezz tas-somma ta' Lm30 (€69.88) fis-sena bħala kumpens għat-teħid ta' dan il-fond.

Il-Qorti qalet li kien hemm

Dan il-post kien allokat lill-Każin tal-Banda San Leonardo wara li kien ġie rekwiżizzjonat fl-1955

Josephine Mary Vella s-

Il-Qorti qalet li l-kumpens

### 3.1.0.2.5 Is-sentenza

Dakinhar tal-25 ta' Mejju, 2012, il-ġurnata li fiha kellha tingħata s-sentenza, tlajna l-Qorti jiena flimkien mas-Segretarju s-sur Kenneth Cassar u l-Kaxxier is-sur Daniel Bonnici. Magħna kien hemm ukoll is-sur Remigio Muscat, membru tal-Kumitat u li qagħad jistenna barra l-awla sakemm tingħata s-sentenza. Dakinhar il-President is-sur Louis Zammit m'attendiex għas-seduta minħabba li kien imsiefer.

Dakinhar tas-sentenza tagħna, il-Qorti kellha tagħti fuq 20 sentenza – mill-bqija kienet iddifferiet il-kawżi kollha li kellhom jinstemgħu dakinhar. Onestament, tul it-tlett kwarti li għamilna ġol-awla, qalbi ma waqfitx tħabbat mgħaġġel, bit-tensjoni tiżdied aktar kemm jgħaddi l-ħin. Is-sentenza tagħna ngħatat proprju l-aħħar waħda. Malli l-Imħallef l-Onor. Dr. Silvio Camilleri għan-nom tal-Qorti komposta minnu, mill-Onor. Dr. Geoffrey Valenzia u mill-Onor. Dr. Giannino Caruana Demajo qara l-parti operattiva tas-sentenza ma stajtx nemmen lil widnejja. Il-Qorti kienet irrevokat l-ordni ta' żgumbrament li kienet imponiet il-Prim'Awla seba' xhur qabel. Madankollu, hija sabet illi kien hemm leżjoni tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u għaldaqstant ikkonfermat illi l-Gvern u l-Għaqda kellhom iħallsu lil Vella s-somma ta' €60,000 bejniethom. Iddikjarat ukoll illi l-ordni ta' rekwiżizzjoni ma infliġġiet ebda diskriminazzjoni fuq Vella. L-ispejjeż kollha tal-każ kellhom jitħallsu 50% minn Vella u 50% bejn il-Gvern u l-Għaqda.

### 3.1.0.2.5.1 Interess pubbliku

Il-Qorti mmotivat is-sentenza tagħha kif ġej: is-sentenza tat-30 ta' Diċembru, 1993 (u li sejra tiġi eżaminata aktar 'l isfel fil-kuntest tat-tieni rekwiżizzjoni) ma kinitx baqgħet tiġi segwita fedelment tul is-snin. Infatti *"llum 'il ġurnata, fuq l-iskorta ta' ġurisprudenza ta' din il-Qorti u dik ta' Strasbourg, għalkemm dak li ngħad f'dik is-sentenza għad għandu ċerta validità, illum* il-*ġurisprudenza evolviet u l-interpretazzjoni ta' x'inhu interess pubbliku hija aktar fis-sens indikat fis-sentenzi li saret referenza għalihom fl-ewwel aggravju tal-intimati. Skont din il-ġurisprudenza, dak li jiswa' huwa li l-interess pubbliku jkun immirat għall-ġeneralità u marbut mal-finalità aħħarija li għaliha l-proprjetà qed tintuża, u dan indipendentement minn jekk dik l-attività tkunx magħmula minn awtorità pubblika.*

*F'dan il-każ ir-rekwiżizzjoni ħarġet fl-interess pubbliku u l-iskop kien biex il-proprjetà tintuża mill-intimat Każin San Leonardo. L-interess pubbliku jinkludi kull aspett tal-ħajja soċjali tal-pajjiż, u fond ikun qed jintuża fl-interess pubbliku jekk jintuża għal skopijiet kulturali. Fir-rigward tal-espressjoni "interess ġenerali" il-Qorti ta' Strasbourg taċċetta li "it will respect the legislature's judgment as to what is in the "public" or "general" interest unless that judgment is manifestly without reasonable foundation" (ara Immobiliare Saffi v. Italy, ġGCħ, no. 22774/93, § 49, ECHR 1999-V, u, Broniowski, § 149; Ghigo v Malta 28/2/2005).*

*F'dan il-każ ma jistax jingħad li l-interess kien merament privat billi l-interess għandu applikazzjoni għall-ġeneralità* taċ-ċittadini. *Skop soċjali jew kulturali jolqot firxa differenti ta' nies, anke jekk ikun hemm persuni li ma jinteressawx ruħhom f'attivitajiet ta' din ix-xorta". Fil-fehma ta' din il-Qorti l-ordni ta' rekwizzjoni ħarġet fl-interess pubbliku billi l-għan aħħari tal-Kazin hu wieħed soċjali u kulturali li jseddaq l-identità ġenerali tal-lokalità u jiżviluppa t-talent mużikali fil-lokal, u dan indipendentement mill-fatt li dan is-servizz qed jingħata mill-privat u mhux mill-Gvern. Dan l-aggravju għalhekk qed jigi milqugħ."*

Ta' min wieħed jieqaf u jirrifletti ftit fuq il-punti verament interessanti li qajmet il-Qorti. Daqskemm kienet fundamentali u importanti s-sentenza tat-30 ta' Dicembru, 1993 (kif ser naraw aktar 'l isfel) minħabba li biddlet il-linja ta' ħsieb li kienet ilha tieħu l-Qorti għal snin twal f'materja ta' rekwiżizzjoni u interpretazzjoni ta' x'inhu l-interess pubbliku u kkaraterizzat is-sentenzi li kellhom jingħataw fl-għoxrin sena ta' wara, din is-sentenza tal-25 ta' Mejju, 2012 tassumi l-istess importanza. Dan għaliex is-sentenza riċenti tat xejra ġdida lit-tifsira ta' 'interess pubbliku'. Bla dubju, l-aktar żewġ punti interessanti huma dawn:

- Attività kondotta minn entità privata (mhux governattiva – bħalma hija l-Għaqda Mużikali San Leonardu) tista' titqies li hija attività fl-interess pubbliku jekk tissodisfa ċerti kriterji;
- Wara tant snin ta' inċertezza, fl-aħħar ġie stabbilit mill-ogħla Qorti ta' Malta illi l-attività li twettaq l-Għaqda tagħna (u għaqdiet oħra bħalha) huma fl-interess pubbliku, minħabba li l-Għaqda għandha l-funzjoni li
  - o twettaq skopijiet soċjali u kulturali li jolqtu firxa differenti ta' nies;
  - o sseddaq l-identità ġenerali tal-lokal; u
  - o tiżviluppa t-talent mużikali fil-lokal.



**Qorti tilqa' talba tal-każin tal-banda San Leonardu**

Il-partitarji tal-każin tal-banda San Leonardu ta' Ħal Kirkop ilbieraħ ħadu nifs 'il ġewwa meta l-Qorti Kostituzzjonali laqgħet it-talba tagħhom biex ma jiġux żgumbrati mill-każin li għandhom fil-pjazza.

Fl-istess waqt l-istess Qorti Kostituzzjonali kkonfermat id-deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li l-istess każin u d-Direttur tal-Akkomodazzjoni Soċjali jagħtu €15,000 u €45,000 rispettivament lil Josephine Mary Vella li tagħha kienet il-binja qabel din ġiet rekwiżizzjonata fl-1955.

Il-każ kellu l-bidu tiegħu meta Vella fetħet kawża fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kontra d-Direttur tal-Akkomodazzjoni Soċjali u l-każin San Leo-

L-Orizzont, is-Sibt, 26 ta' Mejju, 2012, p.8

### 3.1.0.2.5.2 Diskriminazzjoni

Il-Qorti mbagħad għaddiet ukoll sabiex teżamina l-kwistjoni tad-diskriminazzjoni li Vella kienet qed tallega li sofriet. Ta' min hawnhekk ifakkar illi l-Gvern kien issottometta illi biex Vella tipprova li saret xi diskriminazzjoni kontra tagħha, hija kellha turi

li kien hemm ħaddieħor fl-istess inħawi u fl-istess pjazza ta' Ħal Kirkop u li kellu proprjetà vojta u mhux użata u li din ukoll setgħet taqdi l-eżiġenzi tal-Għaqda. Apparti minn hekk, anke kieku stess kien hemm xi diskrimazzjoni fil-konfront ta' Vella, din kienet ġustifikabbli minħabba li l-funzjonijiet tal-Għaqda kienet fl-interess pubbliku. Il-Qorti tal-Appell tat raġun lill-Gvern u approvat il-linja ta' raġunament tiegħu meta qalet illi *"artiklu 14"* tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali *"will be breached where, without objective and reasonable justification, persons in "relevantly" similar situations are treated differently. For a claim of violation of this Article to succeed, it has therefore to be established, inter alia, that the situation of the alleged victim can be considered similar to that of persons who have been better treated.*

*Għalhekk il-fatt li kienet il-proprjetà tar-rikorrenti biss li ġiet assoġġettata għall-ordni ta' rekwiżizzjoni u* għalhekk kienet hija waħedha li tgħabbiet bil-piż *impost mill-awtoritajiet biex jinqeda l-każin tal-banda San Anard mhux neċessarjament ifisser li kien hemm diskriminazzjoni. Lanqas ma kien mistenni li l-awtoritajiet jieħdu l-proprjetà ta' kulħadd f'dawk l-inħawi biex ma ssirx diskriminazzjoni mal-appellata."*

### 3.1.0.2.5.3 Kumpens

Dwar il-kumpens ta' €60,000 li l-Prim'Awla akkordat lil Vella, il-Gvern u l-Għaqda argumentaw illi dan l-ammont likwidat kien pjuttost eċċessiv. Min-naħa tagħha, Vella argumentat li dan il-kumpens kellu jkun f'somma wisq akbar minħabba li dan kellu jiġi stabbilit in vista tal-valur lokatizju tal-fond, aġġustat għall-għoli tal-ħajja u għat-telf ta' imgħax. L-Għaqda rribattiet billi argumentat illi:

- l-miżura ta' interferenza saret fl-interess ġenerali u allura l-kumpens ma kellux ikun fl-ammont li normalment wieħed jistenna li se jsib fis-suq;
- l-isproporzjon fil-kera ma kienx jeżisti minn meta ħarġet l-ordni ta' rekwiżizzjoni, iżda fl-aħħar ħmistax-il sena. Infatti, Lm30 kera fis-sena kienu flus kbar sas-snin 80 meta wieħed jikkunsidra s-suq tal-kera ta' dak iż-żmien;
- l-appellata akkwiexxiet għall-ammont ta' kera kif stabbilit meta hija ġabret dik il-kera mingħand id-Dipartiment tad-Djar mingħajr ma għamlet riservi. Interessanti ferm huwa l-fatt illi l-Qorti ma ddikjaratx illi bil-fatt li Vella ġabret din il-kera, allura kienet inħolqot relazzjoni ta' kerrej u inkwilin bejn Vella u l-Għaqda – fl-opinjoni umli tiegħi, il-Qorti naqset meta ma rrikonoxxietx dan il-fatt;
- l-appellata tnikkret u ħalliet jgħaddu s-snin biex tiftaħ dawn il-proċeduri.

Il-Qorti rriteniet illi *"dawn l-erba' sottomissjonijiet m'humiex mingħajr mertu"*. Infatti, hija qalet li r-rekwiżizzjoni kienet waħda leġittima u saret minħabba eżiġenzi soċjali u fl-interess ġenerali u għalhekk il-kumpens kellu jkun anqas mill-valur sħiħ fis-suq – bħalma diġà kkummentajt aktar 'il fuq, fl-opinjoni tiegħi dan huwa argument fallaċi għall-aħħar minħabba li s-sid għandu jkollu dritt ta' kumpens ġust fi kwalunkwe ċirkostanza, altrimenti ma jkunx qed jintlaħaq proporzjon ġust. Apparti minn hekk, Vella qatt ma kkontestat il-validità tal-ordni

ta' rekwiżizzjoni mill-1955 sal-2007, u dan id-dewmien kellu jittieħed in konsiderazzjoni fit-tnaqqis tal-ammont tal-kumpens li kellu jingħata. Mill-banda l-oħra, il-Qorti rrikonoxxiet illi Vella kellha xi ftit raġun li l-ammont kien baxx wisq. Dan minħabba li l-Prim'Awla kienet ordnat kumpens ta' €60,000 minħabba li sabet li r-rekwiżizzjoni ma kinitx saret fl-interess pubbliku u allura l-fond kien ser jiġi ritornat lil Vella. Minħabba li l-Qorti tal-Appell ma kinitx ser tilqa' t-talba għall-iżgumbrament tal-Għaqda, allura l-ammont ta' kumpens likwidat kien wieħed baxx. Rigward l-ammont ta' Lm30 kera fis-sena li l-Għaqda kienet tħallas lil Vella, l-Għaqda nfisha, il-Gvern u l-Qorti tal-Appell qablu li dan ma jistax jtitqies bħala kumpens proporzjonat u bilanċjat għall-piż li qed iġġorr Vella.


Band club wins battle over premises

Juan Ameen

The San Leonard band club in Kirkop has won a long-drawn-out legal battle to remain on the premises it has used for more than half

Last October, the club had been ordered to vacate the premises after a court ruled that the requisition order violated the owner's fundamental human rights.

It was also ordered to pay one-fourth of €60,000 – compensa-

agreed that the owner had been a victim of discrimination.

"The fact that she was affected does not, in itself, mean she was discriminated against," the judges said.

To prove discrimination, the

€60,000 compensation, the court ruled that it still had to be paid with the club paying one-fourth and the department the rest.

The band club's assistant general secretary, Anton Mifsud, said the club was "very satisfied" with

*The Times*, it-Tnejn 4 ta' Ġunju, 2012, p.5


The Malta Independent Tuesday 29 May 2012

Candidates allege irregularities in first free Egyptian presidential election

Band club allowed to remain at premises

St Leonard Band Club of Kirkop has been allowed to remain on the premises it currently occupies, in a sentence by the Court of Appeal in its constitu-

tice Geoffrey Valenzia and Mr Justice Giannino Caruana Demajo said the premises at No. 14, Kirkop Square, Kirkop, should be retained by the club.

had never been recognised as the tenants by the owners and the rent money was paid to the owners by the government at the rate of Lm30 (€69.88) per

*The Malta Independent*, it-Tlieta 29 ta' Mejju, 2012, p.2

Madankollu, l-Qorti tal-Appell xorta rrifjutat li tbiddel l-ammont ta' €60,000 minħabba li l-aggravji tal-Għaqda u ta' Vella dwar il-kumpens ma kinux mingħajr mertu, u allura jibbilanċjaw lil xulxin. Ta' min wieħed jinnota illi din is-somma tirrappreżenta biss kumpens – bl-ebda mod ma tirrappreżenta xi danni li setgħu ġew sofferti minn Vella minħabba telf ta' użu jew minħabba l-bdil strutturali li seħħ fil-fond. Infatti, il-Qorti rrifjutat illi tidħol fil-mertu dwar jekk ġewx ikkawżati danni fil-każin li ddeprezzaw il-valur tal-fond. Dan minħabba li din il-kwistjoni ma kinitx marbuta l-artiklu tal-Konvenzjoni li fuqhom kienet qed tibbaża l-azzjoni tagħha Vella. Dan ifisser li fis-snin li ġejjin, Vella jibqgħalhom id-dritt li jiftħu proċeduri ġodda kontra l-Għaqda f'dan ir-rigward, ovvjament bla preġudizzju għad-dritt tal-Għaqda illi tirribatti tali allegazzjoni.

### 3.1.0.2.5.4 Ripartizzjoni u Solidarjietà

Filwaqt li l-Gvern kien aċċetta illi l-ammont li kellu jitħallas lil Vella kellu jinqasam fi kwoti ta' tlett kwarti mill-Gvern u kwota ta' kwart mill-Għaqda, l-Għaqda insistiet li hija ma kellha tiġi akkollata bl-ebda ħtija f'dan ir-rigward. Dan l-appell tal-Għaqda ġie – fl-opinjoni tiegħi ġustament - rifjutat. Dan minħabba li għalkemm huwa veru li l-ordni ta' rekwiżizzjoni kienet inħarġet mill-Gvern, l-Għaqda kienet il-benefiċċjarja ewlenija ta' din l-ordni ta' rekwiżizzjoni. Ironikament, il-Qorti qablet mal-kumment tal-Gvern illi "*l-każin... baqa' passiv u ma pprovax jinnegozja mad-sid fuq kera aktar adegwata.*" Dan ma jistax ikun iktar 'il bogħod mill-verità, peress li saru numru konsiderevoli ta' tentattivi mas-sid sabiex tiġi rimedjata s-sitwazzjoni billi jintlaħaq qbil li jkun jagħmel sens għaż-żewġ naħat - mandankollu l-Qorti ma kinitx taf b'dawn l-isforzi, minħabba li dawn ma kinux jiffurmaw parti mill-mertu tal-kawża ttrattata quddiemha.

Fl-appell inċidentali tagħha, Vella ssottomettiet illi ma taqbilx li l-kumpens kellu jiġi ripartit

bejn il-Gvern u l-Għaqda – skont hi, dawn kellhom jinstabu solidalment responsabbili tad-danni jew kumpens dovut lilha. Dan l-argument ma ntlaqax mill-Qorti minħabba li s-solidarjetà trid tkun dikjarata espressament mil-liġi, u qatt ma' tista tkun preżunta.

### 3.1.0.3 Konklużjoni

Din is-sentenza mmarkat pass importanti ferm fl-istorja legali Maltija għaliex wara tant snin, l-ogħla Qorti Maltija rrikonoxxiet l-iżviluppi legali importanti li kienu qed iseħħu kemm f'Malta kif ukoll fil-Qorti Ewropea tad-Drtijjiet tal-Bniedem ġewwa Starsburgu. Għalija personali, din kienet ukoll l-ewwel kawża tal-Għaqda fejn kont involut mill-bidu sal-aħħar tagħha, minħabba li meta nfetħet fl-2007 kont għadni kemm ġejt elett fil-Kumitat Ċentrali tal-Għaqda għall-ewwel darba, u kont ukoll wasalt fl-aħħar snin tal-istudji tiegħi fil-kors tal-liġi.

Sad-data ta' meta dan l-artiklu mar għall-pubblikazzjoni, nistgħu ngħidu li l-kwistjoni tal-ordni tar-rekwiżizzjoni tat-22 ta' Marzu, 1955, hija kapitlu magħluq. Qiegħed ngħid dan 'il għaliex huwa ferm probabbli li jerġgħu jinfetħu xi proċeduri ġodda fil-futur qrib u li jsibu l-għeruq tagħhom f'din l-istess ordni ta' rekwiżizzjoni - iż-żmien jagħtina parir dwar kif ser tiżvolġi l-kwistjoni.

### 3.2 It-tieni rekwiżizzjoni

Fit-30 ta' Diċembru, 1986, is-Segretarju tad-Djar ħareġ *requisition order* numru 29580 fuq il-fond 18, Saint John's Alley, Kirkop. Bħalma kien ġara fil-każ tar-*requisition order* tal-1955, fis-16 ta' Marzu, 1987 il-pussess tal-fond in kwistjoni ngħata lill-Għaqda Mużikali San Leonardu sabiex din tkun tista' tużah bħala estensjoni tal-fond okkupat minnha sa mill-1955. Eventwalment din l-estensjoni sarulha bidliet strutturali kbar u nbidlet f'bitħa.

Probabbilment, l-akbar sfortuna f'dan kollu kienet li l-art affettwata kienet tappartjeni lill-eredi tal-istess Pasquale Vella. Naturalment, wieħed jista' biss jissimpatizza mas-sidien illi sfaw spussessati mill-proprjetà tagħhom għal darba darbtejn. Naturalment dan kellu l-effett li jgħarraq irrimedjabbilment ir-relazzjoni bejn iż-żewġ partijiet tant li tista' tgħid li minn dak iż-żmien mietet kull possibiltà ta' kompromess bejn il-partijiet.

Bħala parti mir-riċerka ta' dan l-artiklu tkellimt mas-Sur Leonard Muscat li qalli li fil-bidu tad-disgħinijiet kienu saru offerti ta' somom ta' flus mill-Għaqda, sabiex l-art rekwiżizzjonata tkun tista' tgħaddi għand l-Għaqda taħt titolu ta' proprjetà assoluta, liema negozjati kienu fallew minħabba li s-sidien kienu qed jitolbu prezz għoli wisq. Skont dak li qalli Leonard, il-prezz kien eżaġerat mhux biss meta mqabbel mal-istat finanzjarju tal-Għaqda, però importanti aktar minn hekk, kien għoli wisq meta mqabbel mal-valur reali tal-proprjetà fis-suq.

Ftit tas-snin ilu, jiġifieri fis-sajf tal-2009 kelli l-opportunità li personalment ngħaddi mill-istess esperjenza li għadda minnha Leonard Muscat u sħabu tal-Kumitat. Il-Kumitat kien għamel offerta bil-miktub lil Vella u offra s-somma ta' €160,000 għax-xiri tal-fond jew l-ammont ta' €1,200 fis-sena għall-kiri tal-istess. Naturalment, tali somma hija verament ċkejkna jekk wieħed iqabbilha mal-valur tal-fond liberu u frank – però ta' min wieħed iżomm quddiem għajnejh li l-fond ma kienx liberu u frank – anzi kien suġġett ta' *requisition order* b'tali mod li l-valur tiegħu kien kważi insinifikanti.

Jiena flimkien mas-Segretarju s-sur Kenneth Cassar, l-eks Segretarju s-sur Leonard Calleja, u l-avukat Dr. Edward Zammit Lewis konna ltqajna mas-sid biex niddiskutu l-offerta li kien għamel il-Kumitat. Għalkemm is-somma offruta ma kinitx waħda żgħira fiċ-ċirkostanzi, is-sid baqa' jirrifjuta u talab is-somma fenomenali ta' €800,000. Naturalment, dan il-prezz kien jeċċedi bl-aktar mod sproporzjonat immaġinabbli l-valur li l-fond kien iġib fis-suq, anke kieku wieħed kellu jassumi li l-proprjetà kienet libera u franka. Dan jispjega aħjar il-kuntest li fih kienu jsiru n-negozjati, b'parti tipprova tasal għal ftehim raġonevoli – anke jekk ftehim b'termini ibsin u li jirrikjedu sagrifiċċju – u parti oħra mogħmija mill-pika u s-sens ta' tpattija. L-aħħar sforz ta' kompromess sar fit-30 ta' Ġunju, 2012 – bla ebda riżultat.

### 3.2.1 Ir-revoka tal-ordni ta' rekwiżizzjoni

B'ċitazzjoni ppreżentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Ottubru, 1987 fl-ismijiet *Dottor Carmelo, Philip, Michael u Jessie aħwa Vella vs is-Segretarju tad-Djar, Leonard Muscat u Remiġ Sacco bħala President u Segretarju rispettivament tal-Każin tal-Banda San Leonardo ta' Ħal Kirkop,* il-membri tal-familja Vella talbu lill-Qorti li tagħmel tlett dikjarazzjonijiet:

1. tiddikjara illi r-*requisition order* numru 29580 tat-30 ta' Diċembru, 1986 tikser il-provvedimenti tal-*Housing Act* peress illi ma ħarġitx fl-interess pubbliku imma biss biex takkomoda każin tal-banda. Apparti li r-rekwiżizzjoni ma saritx għal skop ta' abitazzjoni, kienet saret favur għaqda li diġà kellha sede, jiġifieri l-iskop kien *"biex jiġi akkomodat każin li diġà kellu każin".*

2. tordna li l-pussess tal-fond jirritorna mingħand is-Segretajru tad-Djar u l-Għaqda għal għand l-atturi;

3. tiddikjara lill-konvenuti *'in solidum'* responsabbli għall-ħsarat u danni kaġunati fil-fond u l-ġnien. Dan minħabba li skont l-atturi, l-Għaqda kienet għamlet alterazzjonijiet strutturali estensivi li qerdu l-karattru tal-fond kif kien qabel.

Fuq l-ewwel punt imqajjem minn Vella, ta' min jgħid li l-liġi applikabbli dak iż-żmien kienet taqra hekk (enfasi miżjuda minni):

*"Jekk is-Segretarju jidhirlu li huwa meħtieġ jew xieraq li jagħmel hekk fl-interess pubbliku **jew** biex jipprovdi lin-nies lok fejn wieħed jista' jgħammar **jew** biex jiż*gura t-tqassim xieraq ta' postijiet fejn wieħed jista' jgħammar, huwa jista joħroġ rekwiżizzjoni għal kull bini... "

Ta' min hawnhekk wieħed jinnota illi min-naħa tagħhom Vella kienu qed jinterpretaw il-liġi fis-sens illi biex tkun legali u skont il-liġi, kull ordni ta' rekwiżizzjoni kellha ssir għal skopijiet ta' abitazzjoni. Naturalment, din hija interpretazzjoni skorretta għall-aħħar minħabba li kif wieħed jista' jinnota, biex tkun legalment valida, ordni ta' rekwiżizzjoni kellha ssir għal wieħed minn tlett skopijiet skont kif delineat fil-liġi nfisha.

B'nota ppreżentata fid-9 ta' Novembru 1987 il-konvenuti s-sur Leonard Muscat u s-sur Remiġ Sacco għan-nom tal-Għaqda eċċepew illi s-Segretarju tad-Djar kellu l-poter kollu legali li jagħmel dak li fil-fatt kien għamel, u allura ma kien hemm xejn illegali. Argumentaw ukoll illi kwalunkwe tibdil strutturali kellu min-natura ta' benefikat, u allura ma kienet saret l-ebda







Xogħolijiet fis-sede fl-1987

ħsara. Min-naħa tiegħu, is-Segretajru tad-Djar argumenta illi huwa dejjem aġixxa skont il-liġi u allura Vella ma kellhomx raġun jilmentaw.

Fost l-oħrajn, fix-xhieda tiegħu s-sur Leonard Calleja, dak iż-żmien Segretarju tal-Għaqda, kien qal illi *"meta ħadna l-fond... irranġajnieh ħafna u nfaqna ħafna flus fuqu.'* Fost ix-xogħlijiet li kienu saru kien hemm it-tneħħija tal-ħamrija mill-bitħa, kisi bil-konkos, kif ukoll l-irranġar u l-utilizz tal-kmamar fil-bitħa sabiex jintużaw bħala *stores*. Tnejn minn dawn il-kmamar kienu mwaqqgħin bit-taraġ u bis-soqfa b'kollox. Kien hemm ukoll vaska tal-ilma fil-ġnien però din kienet maqsuma.

Dan kien ġie kkonfermat bix-xhieda ta' Leonard Muscat, dak iż-żmien President tal-Għaqda u li qal li meta kienet ħadet il-ġnien, l-Għaqda kienet qabbdet lill-perit Joe Bugeja biex jagħmel 'survey' tal-istat tal-fond. Muscat kompla jixhed li kienu għamlu sala u li rranġaw il-kmamar li kienu ser jaqgħu. Mix-xhieda rriżulta li l-ġnien kien żdingat għall-aħħar u li s-siġar li kien hemm kienu mejtin jew kienu qegħdin imutu. Aktar importanti minn hekk il-pilastri li kien hemm fil-ġnien kienu mherrija u ma kienx hemm statwi jew dekorazzjonijiet oħra. Fi kliem Muscat, *"konna sibna kamra bis-saqaf imwaqqa' ...ħlief ġebel maqlub u mmermer fil-ġnien in kwistjoni ma rajtx."*

B'sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili mogħtija fid-9 ta' Ottubru, 1991 it-talbiet ta' Vella ġew miċħuda kollha kemm huma. Hi u tagħmel dan, il-Qorti rraġunat b'dan il-mod hi u tikkwota mis-sentenza fl-ismijiet *Albert Galea vs Onor. Dottor Patrick Holland* mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta' Jannar. 1980:

*"Il-kliem 'interess pubbliku' in kwantu neċessarjament jikkomprendu kull aspett tal-ħajja soċjali ta' pajjiż, huma ta' portata mill-aktar estensiva; u kif ma jistax u qatt ma ġie ddubitat li fond jista', fl-interess pubbliku, jiġi rekwiżizzjonat għal skopijiet kulturali, reliġjużi u sportivi, daqstant ieħor ma jistax jiġi ddubitat li fond jista' jiġi rekwiżizzjonat fl-interess eminentement pubbliku... M'hemmx dubju li l-allokament tal-fond lill-Każin konvenut kien fl-interess pubbliku. Ma jidhirx li dan l-allokament ma kienx daqstant fl-interess pubbliku minħabba li l-Każin ġà kellu każin. Għalhekk il-motiv tan-nuqqas ta' interess pubbliku, pretiż mill-atturi, ma jirriżultax.*

Għalkemm intendi li naqbel mar-raġunament tal-Qorti li r-rekwiżizzjoni saret għal skopijiet li huma fl-interess pubbliku, xorta naħseb li l-ġustizzja kienet fuq in-naħa ta'Vella. Dan minħabba li fl-opinjoni tiegħi, il-Qorti ma setgħetx tinjora leġġerment il-fatt illi l-Għaqda diġà kellha lok minfejn hija kienet qiegħda topera. Dan irrispettivament mill-fatt illi dan il-lok ma' kienx proprjetà tal-Għaqda iżda proprjetà ta' Vella stess. Fl-opinjoni tiegħi dan kien jammonta għal nuqqas ta' proporzjonalità u bilanċ bejn dak li kien meħtieġ fl-interess pubbliku u dak li kien meħtieġ sabiex jiġu protetti l-interessi tal-familja Vella.

Minn din is-sentenza appellat il-familja Vella fuq il-premessa illi *"meta ordni ta' rekwiżizzjoni ssir biex takkomoda soċjetà privata bħalma hija l-Filarmonika San Leonardo dan ma jkunx sar fl-interess pubbliku."*. L-appell instema' quddiem l-Imħallfin l-Onor. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici, Dr. Carmel A. Agius u Dr. Noel Arrigo. Bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell mogħtija fit-30 ta' Diċembru, 1993 is-sentenza oriġinali ġiet imħassra. Minħabba li kif ser nispjega aktar 'l isfel din is-sentenza kienet sentenza storika fl-istorja legali Maltija, se nkun qed niċċita estensivament mill-istess sentenza. Il-Qorti spjegat illi

*"... ma tistax tifhem minn fejn ġej dan l-intendiment li l-kliem 'interess pubbliku' għandhom "portata mill-aktar estensiva" speċjalment f'kuntest ġuridiku.*

*Il-pubbliku interess li f'ismu jittieħdu dawn id-deċiżjonijiet u jsiru dawn l-atti mill-awtorità pubblika-emanazzjoni tar-res pubblica, l-universalità tar-res li fiha jinġabar il-ġid komuni taċ-ċittadini kollha, u għal liema ġid komuni huma diretti l-liġijiet – qatt ma jista' jkun riferit għal kwalsiasi interess privat. L-interess huwa dejjem privat meta m'għandux applikazzjoni għall-ġeneralità taċ-ċittadini, tal-universalità tal-pubbliku fl-Istat. Ir-raġunament fis-sentenza Galea vs Holland huwa fallaċi għaliex l-użu ta' fond għal skopijiet kulturali jista' jkun magħmul fl-interess pubbliku jekk l-attività kulturali tkun magħmula minn awtorità pubblika u mhux meta tkun magħmula minn persuna jew assoċjazzjoni privata, billi l-użu, fl-ewwel lok, huwa fl-interess ta' dik il-persuna jew assoċjazzjoni. Il-possibilità ta' aċċess tal-pubbliku għal dik l-attività ma tittrasformahiex b'daqshekk, minn attività li hija intrinsikament privata f'attività intrinsikament pubblika. U difatti dik l-aċċessibilità tista' tiġi ristretta u limitata kif jidhirlu l-interess privat.*

*... L-interess partikolari ta'... xi assoċjazzjoni kulturali jew sportiva, każin jew club, proprju għaliex huwa partikolari, ma jistax ikun identifikat mal-interess pubbliku, komuni u ġenerali, proprju għaliex ma jistax l-interess ġenerali jiġ ridott* għall-interess partikolari. *Huma **d-drittijiet** privati u mhux **l-interess** privat, li jistgħu, u f'ċerti każijiet għandhom, ikunu materja ta' interess pubbliku.*

*Hekk per eżempju, l-interess pubbliku, min-natura tiegħu stess, ma jistax ikun interess li leġittimament u raġonevolment jista' jiġi kkontrastat minn xi parti mill-ġeneralità tal-pubbliku, mentri l-interess privat jista' jkun raġonevolment u leġittimament ikkontestat minn interess privat ieħor. Dan il-kriterju jidher li huwa biżżejjed biex iservi bħala kontroll biex tiġi identifikata l-kwalità ta' interess li jkun in kwistjoni.*

*Huwa vitali li l-kunċett tal-interess pubbliku jiġi dejjem aktar ippreċiżat u ppurifikat minn konnotazzjonijiet improprji. Jekk per eżempju d-Direttur konvenut joħroġ żewġ Ordnijiet ta' Rekwiżizzjoni u jalloka l-ewwel fond biex fih tinfetaħ skola privata u jalloka l-ieħor biex fih tinfetaħ skola pubbliku, ma jidhirx li huwa kkonsentit li jiġi ritenut li fiż-żewġ każijiet, dak li sar, sar fl-interess pubbliku.*

*Din il-Qorti, fl-imsemmija sentenza Galea vs Holland kienet argumentat illi ġaladarba l-Edukazzjoni hija ta' interess pubbliku, allura għandu jkun hemm skejjel li jippropagaw l-edukazzjoni. Dan iżda mhuwiex loġikament preċiż, għaliex il-punt mhuwiex jekk l-edukazzjoni hijiex ta' interess pubbliku, iżda jekk huwiex fl-interess pubbliku li l-Istat jipprovdi fond immobbli għal skola privata billi jirrekwiżizzjona proprjetà privata. Jekk dan ma jiġix ippreċiżat, il-kunċett ta' interess pubbliku jiġi improprjament estiż ("portata mill-aktar estensiva") biex jawtorizza l-indħil tal-Istat f'kull attività konċepibbli, inkwantu illum prattikament kull attività tinteressa lill-Istat modern, u għalhekk flok ma l-kunċett iservi sistema demokratika, jiġi jservi sistema totalitarja. Kif faċilment jista' jiġi intuwit, proprju għalhiex m'hemm ebda limitazzjoni konċettwali din il-kwalità ta' "interess pubbliku" tista' faċilment tasal ukoll biex timmina anke d-drittijiet u libertajiet fundamentali... - liema drittijiet... huma suġġetti għar-rispett tad-drittijiet u l-libertajiet ta' oħrajn u tal-interess pubbliku..."*

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti laqgħet l-ewwel żewġ talbiet tal-atturi Vella u ordnat lill-Għaqda tivvaka l-fond fi żmien sitt xhur mid-data tas-sentenza. Apparti minn hekk, il-Qorti ordnat li l-atti tal-kawża kellhom jintbagħtu lura quddiem il-Prim'Awla għall-eżami u deċiżjoni dwar it-tielet talba tal-atturi – jiġifieri dik li tiddikjara lill-konvenuti *'in solidum'* responsabbli għall-ħsarat u danni kaġunati fil-fond u l-ġnien.

Personalment ma naqbilx mar-raġunament tal-Qorti illi l-kwalita pubblika tal-interess tiddependi fuq min ikun qiegħed jiżvolġi l-attività. Kif rajna aktar 'il fuq fil-kuntest tal-pronunzjament tal-25 ta' Mejju, 2012, tal-Qorti tal-Appell rigward l-ewwel rekwiżizzjoni, l-interess pubbliku jibqa' pubbliku irrispettivament minn min ikun qiegħed jikkonduċi attività partikolari.

Bħalma aċċennajt aktar 'il fuq, din is-sentenza hija waħda storika għar-raġuni illi tat interpretazzjoni ġdida lil klawsola tal-liġi li sa dak iż-żmien dejjem kienet ġiet interpretata b'mod uniformi. Tant hu hekk illi din is-sentenza baqgħet tiġi kkwotata f'mijiet ta' każi li nqatgħu fl-aħħar dsatax-il sena. Kien minħabba fl-importanza ta' din is-sentenza illi jiena bħala student tal-liġi fl-ewwel sena ta' studji kelli nistudja din is-sentenza bħala parti mis-sillabu tal-Filosofija tad-Dritt – suġġett illi ironikament kien jiġi mgħallem mill-Prim'Imħallef Emeritus il-Professur Giuseppe Mifsud Bonnici, li kien wieħed mit-tlett imħallfin li qatgħu din l-istess sentenza. Dakinhar li smajt b'dan il-każ l-ewwel darba waqt il-lekċers jien kont bilqiegħda fuq wara nett tas-sala fl-Università. Ma nistax ninsa l-għexieren ta' rjus li daru lura jħarsu lejja hekk kif issemma' li dan il-każin partikolari li dwaru saret il-kawża kien qiegħed proprju ġewwa Ħal Kirkop. Għalkemm mhux għal raġunijiet sbieħ, xorta waħda nistgħu inkunu kburin li l-Għaqda tagħna tissemma' b'mod prominenti ħafna fl-istorja tad-dritt kostituzzjonali u amministrattiv ta' pajjiżna.

### 3.2.1.1 Sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem

Fid-29 ta' Lulju, 2004 l-Għaqda tagħna ssemmiet bi prominenza kbira fl-aħbarijiet lokali minħabba li rebħet każ kontra l-istat Malti quddiem il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ġewwa Strasburgu. Dan l-avveniment kien tqies bħala wieħed storiku għar-raġuni li kien l-ewwel każ li nqata' b'suċċess kontra Malta minn meta din l-istess Qorti kienet ġiet ristrutturata.

Il-każ bl-okkju ta' *Case of San Leonard Band Club v. Malta* kien tressaq permezz ta' rikors numru 77562/01 quddiem seba' mħallfin, fosthom l-Imħallef Malti l-Onor. Dr. Giovanni Bonello. Id-

deliberazzjoni tal-Imħallfin kienet saret f'żewġ sessjonijiet – dik tat-2 ta' Ottubru, 2003 u l-oħra tat-8 ta'Lulju, 2004. Id-deċiżjoni tal-Qorti ttieħdet f'din l-aħħar data u ġiet ippubblikata fid-29 ta' Lulju, 2004. L-avukati tal-Għaqda kienu Dr. Edward Zammit Lewis u Dr. Jose Herrera, filwaqt li l-Gvern Malti kien rappreżentat mill-Avukat Ġenerali Dr. Anthony Borg Barthet.

Il-fatti li taw lok għal din il-kawża kienu dawn: meta tilfet il-każ tagħha tat-30 ta' Diċembru, 1993 quddiem il-Qorti tal-Appell, l-Għaqda ħasset il-bżonn li ssir talba għar-ritrattazzjoni tal-każ, jiġifieri talba sabiex il-każ jerġa' jinstema' mill-bidu. Din it-talba saret lill-Qorti tal-Appell fil-21 ta' Marzu, 1994, u l-familja Vella kienet ukoll interveniet fil-kawża. Hi u tagħmel dan, l-Għaqda allegat li hi u tagħti s-sentenza tagħha tat-30 ta' Diċembru, 1993, il-Qorti kienet applikat liġi żbljata. Għaldaqstant straħet fuq l-artiklu 811(e) tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u l-Proċedura Ċivili (Kap. 12) li jgħid illi:

*Kawża deċiża b'sentenza mogħtija fi grad ta' appell… tista', fuq talba ta' waħda mill-partijiet li jkollha interess, tiġi ritrattata, wara li qabel xejn tiġi mħassra dik is-sentenza, għal waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:*

…

…

*(e) jekk is-sentenza tkun applikat il-liġi ħażin - għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li kien hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi, fil-każ biss li d-deċiżjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skont il-liġi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' liġi, li fuqha l-qorti tkun espressament tat deċiżjoni;*

L-opinjoni personali tiegħi hija li din it-talba għar-ritrattazzjoni saret bħala tattika biex jintrebaħ aktar żmien għall-Għaqda, għaliex għalkemm wieħed jista' possibilment jargumenta li kien hemm applikazzjoni żbaljata tal-liġi, żgur li ma kienx hemm applikazzjoni ta' liġi żbaljata kif jitlob l-artiklu 811(e) sabiex tali azzjoni tirnexxi b'suċċess. Dan anke għaliex fl-ebda ħin l-Għaqda ma tat indikazzjoni ta' liema liġi messha ġiet applikata, hekk kif mitlub fl-artiklu 816 tal-istess Kodiċi tal-Organizzazzjoni u l-Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Fl-14 ta' Diċembru tal-istess sena l-Qorti kienet talbet lill-partijet fil-kawża jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom u aġġornat il-każ għas-6 ta' Frar, 1995. L-Għaqda daħħlet nota ta' sottomissjonijiet li biha tablet ir-rikuża tal-Imħallfin sedenti fil-Qorti tal-Appell. Dan minħabba li tnejn mit-tlett imħallfin sedenti f'din il-Qorti kienu l-istess tnejn mit-tlett imħallfin li kienu qatgħu is-sentenza tat-30 ta' Diċembru, 1993 li fiha l-Għaqda tagħna kienet tilfet il-każ tagħha kontra l-familja Vella. Din it-talba għar-rikuża mill-Għaqda ġiet miċħuda mill-Qorti fit-13 ta' Marzu, 1995, filwaqt li t-talba innifisha għar-ritrattazzjoni kienet imbagħad ġiet miċħuda (ġustament fl-opinjoni tiegħi) fis-17 ta' Jannar, 1996.

Irrispettivament minn dan kollu, però, il-lanjanza prinċipali tal-Għaqda kienet tikkonsisti filli tali talba għal ritrattazzjoni kienet instemgħet mill-istess imħallfin li kien taw is-sentenza tat-30 ta' Diċembru, 1993. Dan kien jammonta għal ksur lampanti ta' wieħed mill-prinċipji fundamentali tal-ġustizzja naturali: *nemo judex in causa propria* u li jinsab sanċit fl-artiklu 6(1) tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali tad-Drittijiet tal-Bniedem li jitlob illi :

*Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu,... kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi-żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali...*

Fl-opinjoni tal-Għaqda, il-Qorti kif komposta għas-smiegħ tal-applikazzjoni għar-ritrattazzjoni ma kinitx tiggarantixxi smiegħ imparzjali minn tribunal imparzjali. Għaldaqstant, fid-19 ta' April, 1995 l-Għaqda fetħet proċeduri ta' natura kostituzzjonali fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fejn allegat li r-rifjut tal-applikazzjoni għal ritrattazzjoni ma kinitx ingħatat minn qorti imparzjali hekk kif mitlub mill-artiklu 6(1) tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali tad-Drittijiet tal-Bniedem. Fis-sentenza tagħha tat-22 ta' April, 1997 il-Prim'Awla tat raġun lill-Għaqda. Dan minħabba li l-istess tnejn mit-tlett imħallfin kienu qed jiġu msejħa sabiex jiddeċiedu darbtejn fuq każ bejn l-istess partijiet u fuq l-istess fatti.

Madankollu, l-familja Vella appellat minn din is-sentenza abbażi tal-argument li l-Qorti tal-Appell fl-applikazzjoni tar-ritrattazzjoni ma kinitx qed teżamina l-fatti tal-każ, iżda l-applikazzjoni tal-liġi għal dawk il-fatti. Dan l-argument ġie milqugħ mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Lulju, 2000 u għalhekk id-deċiżjoni tal-Prim'Awla tat-22 ta' April, 1997 ġiet revokata. Hi u tagħmel dan, il-Qorti qalet li l-miżura tar-ritrattazzjoni hija miżura straordinarja u għalhekk il-liġi għandha tingħata tifsira restrittiva. Apparti minn hekk, ix-xogħol tal-Imħallfin kien ristrett għall-eżaminazzjoni tal-fatti tal-każ u mhux għall-applikazzjoni tal-liġi. Il-Qorti kompliet ukoll li kien hemm raġunijiet li juru li l-Għaqda kienet qed tipprova ttawwal il-proċeduri kemm jista' jkun sabiex tirbaħ iż-żmien. Għalkemm naqbel mal-Qorti li l-istrateġija tal-Għaqda probabbli kienet intiża sabiex ittawwal iż-żmien, ċertament li ma naqbilx mar-raġunament li ġabet il-Qorti fiċ-ċaħda tagħha għat-talba tar-rikuża taż-żewġ Imħallfin.

Peress li ġara dan, l-Għaqda ħasset li għandha tieħu lill-iStat Malti quddiem il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem taħt l-artiklu 34 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali sabiex issir ġustizzja u tiġi rettifikta din is-sitwazzjoni. Min-naħa tiegħu, il-Gvern Malti ddefenda ruħu billi qal illi d-dritt ta' ritrattazzjoni ma huwiex protett bil-Konvenzjoni. Naturalment, din l-asserzjoni hija korretta, madankollu l-kwistjoni kollha ma kinitx din – il-kwistjoni kienet jekk is-sentenza dwar l-applikabilità *o meno* tar-ritrattazzjoni kinitx ingħatat minn Qorti imparzjali hekk kif titlob l-istess Konvenzjoni. Il-Gvern argumenta wkoll illi l-Imħallfin kienu individwalment imparzjali minħabba li ma kellhom l-ebda interess dwar l-eżitu tal-istess proċeduri. Argumenta wkoll illi dawn l-Imħallfin ma kienux qegħdin jiddeċiedu dwar il-mertu tal-każ iżda biss dwar jekk it-talba għal ritrattazzjoni kinitx ġustifikata – xi ħaġa li fl-opinjoni tal-Gvern kienet materja oġġettiva minħabba li l-Għaqda naqset li tindika l-liġi applikabbli skont kif mitlub mill-artiklu 816 tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u l-Proċedura Ċivili.

Min-naħa tagħha l-Għaqda ddikjarat li ma kellha ebda dubju li l-Imħallfin kienu suġġettivament imparzjali peress li ma kellhom l-ebda interessi personali fl-eżitu tal-każ. Madankollu, baqgħet tinsisti fuq il-punt li l-Imħallfin kellhom jastjenu milli jisimgħu il-każ minħabba li ma kinux jiggarantixxu smiegħ minn tribunal imparzjali.

Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, hi u tiċċita minn kawżi oħra fosthom *Gautrin and Others v. France*, min-naħa tagħha ddikjarat illi t-test tal-imparzjalità hekk kif mitlub mill-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali tad-Drittijiet tal-Bniedem kellu jitkejjel fuq żewġ kriterji:

- L-imparzjalità oġġettiva – li titkejjel fuq jekk il-ġudikant joffrix garanzija biżżejjed li tneħħi kull dubju leġittimu dwar l-imparzjalità tiegħu; F'dan ir-rigward, anki sempliċiment apparenza ta' nuqqas ta' imparzjalità tassumi importanza fundamentali – dejjem jekk din il-biża' tista' tiġi ġustifikata oġġettivament. Dan minħabba illi hawnhekk wieħed qed jitkellem dwar il-kunfidenza li suppost il-ġudikatura tispira f'soċjetà demokratika.

- L-imparzjalità suġġettiva – li titkejjel fuq jekk il-ġudikant għandux interess personali fil-materja li jkun ser jiddeċiedi fuqha. Naturalment, din l-imparzjalità għandha tiġi preżunta sakemm ippruvat mod ieħor. Fil-fatt ta' min wieħed jinnota li fl-ebda waqt ma kien allegat min-naħa tal-Għaqda li xi wieħed jew aktar miż-żewġ Imħallfin kien afflitti minn nuqqas ta' imparzjalità suġġettiva.

Fi kliem li jifhmu kulħadd, dawn iż-żewġ kriterji jfissru li l-ġustizzja mhux biss trid issir, iżda trid tidher li qiegħda ssir.

Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kompliet billi qalet illi dan kien każ fejn l-istess tnejn mit-tlett imħallfin li taw sentenza kienu qegħdin jiġu msejħa biex jeżaminaw jekk huma stess kinux ikkommettew żball ta' applikazzjoni ta' liġi żbaljata huma u jagħtu din l-istess sentenza. Dan kollu, fl-opinjoni unanima tas-seba' mħallfin tal-Qorti kien jammonta għal nuqqas ta' imparzjalità u allura għal ksur tal-artiklu 6(1) tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali. Għaldaqstant il-Qorti irrakkomandat li s-smiegħ dwar l-applikazzjoni għall-proċedura tar-ritrattazzjoni kellu jerġa' jinstema' fil-Qrati Maltin, din id-darba minn tribunal imparzjali skont kif mitlub mil-liġi.

Minn hemmhekk, l-Għaqda pproċediet billi fil-15 ta' Novembru, 2004 intavolat rikors quddiem il-Qorti Kostituzzjonali fejn tablet l-eżekuzzjoni tas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Ir-rakkomandazzjoni tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem sussegwentement ġiet aċċettata mill-Qorti Kostituzzjonali fit-18 ta' Marzu, 2005 u s-smiegħ tal-applikazzjoni għar-ritrattazzjoni inbeda mill-ġdid fid-19 ta' April, 2005. Is-sentenza ngħatat ftit jiem biss wara. B'sentenza bin-numru 802/1987/1 mogħtija fil-31 ta' Mejju, 2005 – kif mistenni - il-Qorti ċaħdet din it-talba. Il-Qorti ppreseduta mill-Onor Dr. Vincent De Gaetano, Dr. Anton Depasquale u Dr. Albert J Magri saħansitra ddikjarat illi *"s-soċjetà ritrattanda qed tipprova tgħatti x-xemx bl-għarbiel... F'dan is-sens, ti-talba għal ritrattazzjoni hija mhux biss infondata iżda l-istess petizzjoni tirrażenta l-fieragħ."*

Dan kien ifisser illi s-sentenza tat-30 ta' Diċembru, 1993 issa kienet saret *res judicata*, jiġifieri finali u mingħajr ebda possibilità ta' appell. Dan kien ifisser ukoll li l-pussess tal-fond ġewwa 18 Saint John's Alley, Kirkop kellu jgħaddi mingħajr dewmien lura għand is-sid. Dan ġara ftit żmien wara billi ttella' ħajt tal-ġebel bejn 'il-bitħa' u l-bqija tas-sede tal-Għaqda.

### 3.2.2 Responsabilità u solidarjetà

Tul il-perkors taż-żmien, il-familja Vella kompliet targumenta dwar it-tielet talba tagħha – dik illi l-Qorti kellha tiddikjara lill-konvenuti Għaqda u Segretarju tad-Djar *'in solidum'* responsabbli għall-ħsarat u danni kaġunati fil-fond u l-ġnien. Dan it-talba ntlaqgħet permezz ta' sentenza tas-16 ta' Ottubru, 2006, fejn il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili komposta mill-Onor. Dr. Joseph Azzopardi ddikjarat illi l-konvenuti Segretarju tad-Djar u l-Ghaqda tagħna kellhom

jiġu misjuba ħatja *'in solidum'* għall-ħsarat u d-danni kaġunati bi ksur tal-liġi fil-fond ġewwa 18 Saint John's Alley, Kirkop. Il-proporzjon li biha tqassmet din ir-responsabilità kien ta' kwart fuq is-Segretarju tad-Djar u tlett kwarti fuq l-Għaqda tagħna.

Il-perit tekniku mqabbad mill-Qorti sabiex jirrelata dwar it-talbiet tal-familja Vella, is-sur David Pace, iddikjara bil-ġurament illi *"Għalkemm ġie ppruvat illi l-każin tal-banda wettqu xogħlijiet strutturali... dawn ma kinux ta' natura sostanzjali biżżejjed biex neħħa l-karattru ta' dan il-fond. Jidher li l-fond kien ta' importanza inqas f'dik li hija tqassim ta' pjanifikazzjoni u ta' disinn arkittettoniku, però, sar ċertament tibdil strutturali f'dan il-fond u dan sar la bil-permess jew awtorizzazzjoni tal-awtoritajiet konċernati u wisq anqas bil-permess jew konsapevolezza ta' sidien il-kera."*

Dwar il-ġnien, il-perit irrelata illi *"jibqa' l-fatt illi l-ġnien tneħħa mill-karattru tiegħu totalment u sabiex jakkomoda l-esiġenzi tal-każin illi kellhom bżonn bitħa ġie miksi kollu bil-konkos u sar bitħa. Ċertament dan biddel għal kollox in-natura ta' dina l-arja u huwa għal xejn illi wieħed jgħid li l-pilastri kienu mherrija. It-tibdil fil-karattru kienet waħda netta."*

Ta' min hawnhekk wieħed jieqaf ftit u jirrifletti dwar żewġ punti importanti:

- tibdil strutturali – Il-Qorti ċċensurat dan il-fatt mhux minħabba li saret xi ħsara fil-proprjetà iżda minħabba li l-proprjetà tbiddlilha l-karattru tagħha. Dan minnu nnifsu kkawża danni lill-familja Vella.

- bla permessi – mix-xhieda ħareġ ukoll illi meta sar dan it-tibdil strutturali, la kienu ġew avżati s-sidien u lanqas l-awtoritajiet kompetenti. Għal din ir-raġuni infatti, l-perit tekniku kien oriġinarjament irrakkomanda lill-Qorti sabiex din talloka l-ħtija kollha fuq l-Għaqda u ma ssib l-ebda ħtija fid-Dipartiment tad-Djar. Madankollu, il-Qorti ma qablitx ma' dan l-argument minħabba illi *"ma hemmx dubbju li l-konvenut Segretarju tad-Djar kien responsabbli biex il-pussess għadda f'idejn il-każin u għalhekk skont il-Kodiċi Ċivili kien hemm kontributorjetà da parti tiegħu."*

Għaldaqstant il-Qorti ddikjarat lill-Għaqda ħatja in kwantu ta' tlett kwarti tad-danni kaġunati u lis-Segretarju tad-Djar in kwantu tar-rimanenti kwart. Hi u tagħmel dan, il-Qorti ċaħdet it-talba tal-familja Vella għas-solidarjetà bejn id-Dipariment tad-Djar u l-Għaqda. Kieku t-talba ta' Vella ntlaqgħet, dawn kienu jkunu jistgħu iduru fuq l-Għaqda għad-danni kollha, imbagħad sta għall-Għaqda li ddur fuq id-Dipartiment sabiex tiġbor ir-rimanenti kwart. Dan il-proċess kollu kien jaħdem viċe-versa wkoll li kieku t-talba ta' Vella ntlaqgħet u d-danni nġabru kollha minn Vella mingħand id-Dipartiment.

Fl-opinjoni tiegħi, ir-rifjut tal-Qorti li tiddikjara s-solidarjetà bejn il-partijiet favur il-familja Vella kien fallaċi. Dan minħabba li l-artiklu 1050(1) tal-Kodiċi Ċivili ta' Malta (Kap. 16) jiddikjara bl-aktar mod ċar li fejn il-parti tad-danni kaġunati ma tistax tiġi aċċertata, il-parti leża tista' tirrikjama dawk id-danni mingħand kwalunkwe persuna li kkaġunatilha tali danni (f'dan il-każ l-għażla taqa' bejn l-Għaqda u d-Dipartiment.)

### 3.2.2.1 Appell dwar ir-responsabilità u s-solidarjetà

Mis-sentenza tas-16 ta' Ottubru, 2006 appellaw prinċipalment l-Għaqda u inċidentalment il-familja Vella.

Bir-rikors tal-appell tagħha tat-3 ta' Novembru, 2006 l-Għaqda talbet li tiġi mħassra s-sentenza tal-ewwel Qorti. Talbet ukoll illi jekk tinstab xi tip ta' responsabilità, din għandha tintrefa' kollha mid-Dipartiment tad-Djar. Dan minħabba li skont l-Għaqda, jekk is-Segretarju tad-Djar kien ħareġ l-ordni ta' rekwiżizzjoni b'mod żbaljat, l-Għaqda kienet biss il-benefiċċjarja ta' din l-illegalità. Filwaqt li ma interpona l-ebda appell mis-sentenza, id-Dipartiment ippreżenta risposta għall-appell tal-Għaqda fejn qal li ma jaqbilx ma' din it-talba tal-Għaqda.

Fis-27 ta' Frar, 2009 il-Qorti tal-Appell komposta mill-Imħallfin l-Onor. Dr. Vincent Degaetano, Dr. Albert Magri u Dr. Tonio Mallia, fl-Appell Ċivili Numru 802/1987/2 qatgħet illi d-Dipartiment tad-Djar kellu jinstab responsabbli inkwantu li huwa kien għadda l-pussess tal-propjetà f'idejn l-Għaqda. Madankollu huwa ma kellu jsofri l-ebda ħtija għal xogħol li sar mill-Għaqda mingħajr il-konsapevolezza tiegħu u saħansitra mingħajr il-kunsens jew awtorizzazzjoni tas-sidien. Għaldaqstant it-talba tal-Għaqda f'dan ir-rigward ġiet miċħuda.

Inkwantu għat-tibdil strutturali li kien sar fil-fond, l-Għaqda nsistiet li dan kien meħtieġ minħabba l-istat delapidat tal-fond rekwiżizzjonat u tal-ġnien kif ukoll dettati mill-eżiġenzi tal-użu li setgħet tagħmel l-Għaqda minn dan il-ġnien. Il-Qorti, bir-raġun, ma qablet xejn ma' dan l-argument, u dan minħabba li *"l-eżiġenzi tal-inkwilin, li del resto rriżulta kien qiegħed jokkupa l-fond u l-ġnien abbusivament, qatt ma jistgħu jkunu raġuni valida biex min jokkupa fond, anke b'titolu ta' kera, ibiddel in-natura tal-fond fil-pussess tiegħu."*

Min-naħa tagħhom, fl-appell li nterponew il-familja Vella, dawn talbu li l-Qorti kellha ssib solidarjetà bejn l-Għaqda u d-Dipartiment. Il-Qorti tal-Appell iddikjarat illi la l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kienet apporzjonat din ir-responsabbilità, allura ma tara ebda raġuni għaliex għandha tiddisturba din id-deċiżjoni. Bir-rispett kollu l-Qorti tal-Appell ma kellhiex raġun li taqta' dan il-punt partikolari bil-mod li għamlet. Flok issegwi d-deċiżjoni tal-ewwel Qorti b'għajnejha magħlqua, il-Qorti tal-Appell kellha, fl-opinjoni tiegħi tara jekk l-ewwel Qorti kellhiex legalment tiddeċiedi bil-mod kif għamlet.

Għaldaqstant il-Qorti tal-Appell ċaħdet it-talbiet kollha magħmula kemm fl-appell prinċipali kif ukoll f'dak inċidentali u ordnat li l-ispejjeż tal-appell prinċipali inklużi l-ispejjeż tad-Dipartiment tad-Djar kellhom jitħallsu mill-Għaqda, filwaqt li l-ispejjeż tal-appell inċidentali kellhom jitħallsu mill-familja Vella.

### 3.2.3 Likwidazzjoni tad-Danni

Kif għidna aktar 'il fuq, biċ-ċitazzjoni tagħhom ippreżentata quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Ottubru, 1987, l-aħwa Vella kienu talbu li l-Qorti tiddikjara lill-konvenuti *'in solidum'* responsabbli għall-ħsarat u danni kaġunati fil-fond u l-ġnien. Li nesa jagħmel il-konsulent legali tal-familja Vella kien illi jitlob lill-Qorti tillikwida l-ammont ta' dawn id-danni. Dan in-nuqqas kien ifisser illi jekk issib ħtija fl-Għaqda (kif fil-fatt sabet), il-Qorti ma setgħetx tgħaddi biex teżamina kemm kien hemm danni u tiddikjara figura f'dan ir-rigward.

Għaldaqstant, il-familja Vella kellha tiftaħ proċeduri ġodda kontra l-Għaqda sabiex jiġi rimedjat dan l-iżball min-naħa tal-istess familja. Dan għamlitu permezz ta' ċitazzjoni numru 1421/2002 fl-ismijiet *Dr Carmel Vella, Josephine Vella, Philip u Michael Vella vs Każin San Leonardu* ippreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ppreseduta mill-Imħallef l-Onor. Dr. Joseph Azzopardi fil-11 ta Diċembru, 2002. F'din iċ-ċitazzjoni huma talbu l-likwidazzjoni tad-danni sofferti minnhom minħabba li skont huma:

1) kienu naqsu diversi oġġetti li skont stima prodotta minnhom (u li saret a bażi tal-informazzjoni li huma għaddew lill-espert illi għamel l-istima) kienu jiswew *circa* għoxrin elf lira Maltin;

2) kienet meħtieġa spiża kbira sabiex jiġi ripristinat il-fond mix-xogħlijiet li saru mill-Għaqda fl-istess fond. Il-familja Vella nkarigat lill-perit Anthony A. Briffa bħala espert fil-materja u dan kien ikkonkluda illi l-art u l-ġnien, li kellhom wisa' superfiċjali ta' 269 metri kwadri u li kienu fabbrikabbli, kienu jiswew is-somma ta' ħamsa u tmenin elf lira Maltin kieku kellhom jinbiegħu bl-iskop li jiġu żviluppati għall-bini. Il-perit irrelata wkoll illi huwa ferm diffiċli li terġa' tibni l-fond kif kien qabel ma saru x-xogħlijiet mill-Għaqda fih, tant illi lanqas ipprovda stima f'dan ir-rigward;

3) kienu tilfu l-użu tal-proprjetà mill-1987 sad-data tar-rilaxx (li eventwalment laħaq sar fl-2005 fil-mori ta' din il-kawża).

L-Għaqda rribattiet din it-talba permezz ta' nota tal-eċċezzjonijiet ippreżentata fil-21 ta' Frar, 2003, u fost l-oħrajn sostniet illi hija ma sabet xejn meta ħadet il-post f'idejha, u li jekk kien hemm xi affarijiet, dawn kienu sparixxew meta l-fond għadda f'idejn id-Dipartiment tad-Djar.

Permezz ta' sentenza mogħtija fis-6 ta' Mejju, 2009, il-Qorti qatgħet illi hija *"ma tistax taċċetta daqshekk leġġerment l-istima tal-espert tal-antikitatijiet fuq informazzjoni mgħoddija lilu mill-atturi."* Dan minħabba li fir-rapport tiegħu il-perit kien qagħad biss fuq dak li kienu qaltlu bil-fomm il-familja Vella mingħajr ma pproduċiet ebda ritratti bħala prova. Fl-istess ħin il-Qorti rrikonoxxiet illi ma kienx hemm dubju li Vella kienu sofrew telf ta' diversi oġġetti li kienu fil-fond meta dan ġie rekwiżizzjonat. Għal dan il-għan, il-Qorti qatgħet illi l-oġġetti li naqsu kienu jiswew *circa* €16,000.

Rigward id-danni sofferti minħabba t-tibdil fl-istruttura tal-fond, il-Qorti użat – u bir-raġun – kliem iebes fil-konfront tal-Għaqda. Hija qalet li l-argument tal-Għaqda li *"l-fond kien malandat ma treġix għaliex l-atturi* (Vella) *mhux isostnu li saret xi ħsara b'xi vendikazzjoni*



Il-faċċata tas-sede mżejna għall-festa tal-1967


Il-każin wara xogħol fuq il-fontispizju u bandiera ġdida fl-1985

*jew negliġenza iżda għaliex il-konvenuti* (Għaqda) *bidlu s-sura tal-fond għall-eżiġenzi tagħhom u ma qagħdux iħabblu rashom li kienu qed ibiddlu l-istruttura ta' post li ma kienx tagħhom!"* Għaldaqstant il-Qorti ddikjarat li kien hemm bżonn ta'€40,000 sabiex it-tibdil li kien sar mill-Għaqda jitreġġa' lura.

Kwantu għal telf ta' użu mill-fond, il-Qorti rrimarkat li Vella naqsu li jikkwantifikaw il-pretensjoni tagħhom. F'ċirkostanzi bħal dawn, il-Qorti tkun ristretta li takkorda d-danni *arbitrio boni viri*, jiġifieri f'ammont li skont il-ġudizzju tal-qorti jagħmel ġustizzja fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Fl-opinjoni tal-Qorti, dan l-ammont kellu jkun dak ta' €16,000.

Dawn is-somom kollha jammontaw għal likwidazzjoni totali ta'€72,000. Minħabba li kif diġà ingħad aktar 'il fuq, fis-27 ta' Frar, 2009 il-Qorti tal-Appell kienet ikkonfermat sentenza fejn l-Għaqda kellha tiġi misjuba ħatja ta' tlett kwarti tar-reponsabilità totali, dan kien ifisser li l-Għaqda kellha tħallas is-somma ta'€54,000 flimkien mal-ispejjeż kollha tal-kawża. Ir-rimanenti danni (iżda ebda parti mill-ispejjeż tal-kawża) kellu jagħmel tajjeb għalihom il-Gvern.

Din is-sentenza ngħatat fiż-żmien li jiena kont qiegħed fil-ħames sena tal-kors tal-liġi li kont qiegħed insegwi fl-Università ta' Malta. Kien żmien ukoll fejn kont bdejt nattendi xi seduti fil-Qorti bħala parti mis-sena ta' prattika obbligatorja li kull avukat prospettiv huwa mistenni li jagħmel. Għaldaqstant bdejt ninteressa ruħi u kont ħassejt il-bżonn li nibda nsegwi mill-qrib dan il-każ. Kont niftiehem ma' Leonard Agius u miegħu kont nitla' għal kull seduta li kienet issir. Invarjabbilment kull darba li nitilgħu, Leonard, bl-istil partikolari tiegħu kien jersaq fuq it-tabib Vella (li kien jitla' dejjem hu biex jirrappreżenta l-interessi tal-familja Vella) u jitolbu sabiex jintlaħaq kompromess li jkun aċċettabbli għaż-żewġ naħat. Dawn l-offerti kienu jintlaqgħu minn rifjut assolut mit-tabib Vella li saħansitra darba minnhom smajtu jgħid *"kuntent intih b'xejn lil tal-Mużew u ma nbiegħux lilkom"*.

Dakinhar tas-sentenza konna tlajna l-Qorti bħas-soltu jien u Leonard. Għalkemm bħala avukat prospettiv


TIMESOF MALTA.COM

Register online today!
Terms and conditions apply.

Log in • Create account

Online search »

Home
News
World News
Business & Finance
Sport
Opinion
Social & Personal
Letters

Blogs »
Alfred Grixti
Alison Bezzina
Andrew Borg Cardona

Wednesday, 6th May 2009 - 15:04CET

**Band club ordered to pay landlords €54,000**

The San Leonardu Band Club of Kirkop was today ordered to pay €54,000 in damages after a requision order on the club premises was declared null, but was not evicted.

The judgment was delivered by Mr Justice Joseph Azzopardi in the First Hall of the Civil Court following a writ filed against the Club by Carmel, Josephine, Philip and Michael Vella.

The family told the court that they owned the premises which the club had occupied since 1987 when a requisition order was issued. However, after judicial proceedings the requsition order was declared null and void. As a result, the club was occupying the premises without a legal title.

Although the club had been ordered by the courts to vacate the premises, it had failed to do so, and as a result the family had suffered damages including loss of items from the property and structural damage.

The court heard that the Vella family claimed that Lm20,000 (€46,587) worth of items had been lost from the property. The family's architect had also testified that it would be very difficult to restore the property to its original state.

The court ordered the club to pay the Vella family €54,000.

timesofmalta.com
6 ta' Mejju, 2009

maltarightnow.com
6 ta' Mejju, 2009



maltarightnow.com sezzjoni: Mill-Qorti

Qorti

## Każin ordnat iħallas €54,000 f'danni fuq propjeta' illegali

Ray ABDILLA

Il-Qorti, presieduta mill-Imħallef Joseph Azzopardi ordnat lis-soċjetà tal-Każin tal-Banda 'San Leonardu' ta' Ħal Kirkop tħallas €54,000 f'danni wara li din ilha tokkupa għal 22 sena sħaħ proprjetà illegali għal diversi snin minkejja li kellha ordni ta' żgumbrament. Il-każin ilu okkupat mis-sena 1987 wara ordni ta' rekwiżizzjoni maħruġa mid-Direttur tal-Akkomodazzjoni Soċjali, izda s-sidien tal-post - Dr Carmel Vella, Josephine Vella, Philip u Michael Vella ddikjaraw li fi proceduri separati, l-ordni ta' rekwiżizzjoni ġiet iddikjarata nulla u bla effett u għalhekk is-soċjetà kienet qiegħda tokkupa dan il-post, li jinkludi wkoll ġnien imdaqqas, mingħajr titlu validu fil-liġi.

Punti ewlenin

- 14:32 Bejn Jannar u Ġunju 2009 is-safar tal-Maltin żdied bi 3.5% fuq l-2008
- 10:37 L-elezzjoni ta' Attard Montalto fil-PE fissret daqqa għall-klikka ta' Muscat
- 11:29 Tiżdied in-nefqa tal-Gvern fuq assistenza soċjali
- 11:08 Kunċert mill-Orkestra Filarmonika Nazzjonali b'mużika Rock



Print Article | Email Article | Comment

### Kirkop band ordered to pay €54,000 to landlords

The Kirkop St Leonard Band Club was ordered to pay €54,000 to the family who owned the club premises after a requisition order was issued and later annulled.

First Hall of the Civil Court, presided over by Mr Justice Joseph Azzopardi, awarded the damages to Carmel, Josephine, Philip and Michael Vella, who filed a writ in which they claimed that the club did not evict even after the 1987 requisition order was declared null and void.

Thus, the Vella family argued that the club occupied the building without a legal title. The family claimed it suffered damages including loss of items worth e16,587 as well as structural damage.

independent.com.mt
6 ta' Mejju, 2009

kont naf sewwa x'kienet il-gravità tas-sitwazzjoni, bl-akbar onestà ngħid illi xorta ħriġt mill-awla mbikkem b'irkobbtejja jirtogħodu. F'temp ta' ftit minuti l-aħbar kienet diġà xterdet ma' Malta kollha permezz tal-mezzi tax-xandir. Hawnhekk ma nistax, b'responsabilità kbira u purament personali, ma nikkundannax ċerti elementi, li permezz tas-sit *timesofmalta.com* u netwerks soċjali oħra ħarġu jattakkaw lill-Għaqda u jifirħu għat-tiġrib li kienet għaddejja minnu f'dak il-mument. Għalkemm l-injoranza grassa teżisti kullimkien, ċerti affarijiet żgur li wieħed ma kienx jistennihom mingħand nies li kienu u għadhom jokkupaw karigi għoljin ġewwa għaqdiet simili għal tagħna fl-istess raħal tagħna – nerġa' ninsisti li dan hu kumment personali u li tiegħu nassumi responsabilità sħiħa.

Dakinhar stess tas-sentenza, il-Kumitat Ċentrali kien tlaqqa' b'mod urġenti f'seduta li fiha ġie mfassal pjan ta' azzjoni. Sabiex jitħallas l-ammont likwidat mill-Qorti b'mod li jiġu salvagwardati l-assi l-oħra tal-Għaqda, is-somma riedet tinġabar mill-aktar fis possibbli. Il-pjan tal-Kumitat kien li kull soċu jikkontribwixxi s-somma ta' €500. Dan kollu ġie mħabbar waqt seduta ġenerali straordinarja li kienet issejħet mis-Segretarju tal-Għaqda s-sur Kenneth Cassar fil-11 ta' Mejju, 2009 (u li ġiet aġġornata għat-18 ta' Mejju, għall-25 ta' Mejju, u għall-1 ta' Ġunju 2009). Dik li potenzjalment setgħet kienet seduta taħraq nirien minħabba l-implikazzjonijiet kollha tal-każ u forsi anke minħabba t-tentazzjoni li wieħed joqgħod jara f'min se jwaħħal flok jara kif jagħmel u jiġbor il-biċċiet miksura, issarfet f'seduta b'diskussjoni matura għall-aħħar.

Għalkemm il-pjan tal-ġbir propost kien pjan li ma kienx faċli li jitwettaq, fi ftit ġranet is-somma nġabret kollha. Kien hemm żewġ persuni li saħansitra offrew €1,000 flok €500. Min-naħa tagħhom, minbarra d-donazzjoni, s-sur Carmel Farrugia u s-sur Mario Camilleri offrew is-somma ta' €2,330 u €11,647 bħala self mingħajr imgħax rispettivament. Dan ir-rispons kien ħalla lilna l-membri tal-Kumitat bla kliem. Wara tliet snin mill-ġrajja għadu jissemma minn dawk li kienu jħabbtu bieb bieb l-aneddotu ta' dik il-persuna li ma kellhiex minfejn tagħti

€500 lill-Għaqda u marret tissellifhom sabiex xorta waħda tkun tista' tagħmel id-donazzjoni tagħha.

Wara daqqa ta' ħarta li ċċaqalqek mill-qiegħ nett, forsi l-ewwel deċizjoni ta' għaqdiet oħra kienet tkun li jagħlqu l-bibien, jew inkella li l-festa ta' dik is-sena ma ssirx. Għalkemm il-possibilità li l-festa ta' dik is-sena titnaqqas drastikament kienet ġiet diskussa fit-tul, dan ma seħħx. Mhux talli ġbarna s-somma kollha fi żmien qasir, talli anke ċċelebrajna bl-ikbar kburija l-festa f'ġieh San Leonardu bħalma konna nagħmlu s-soltu. Ta' min hawnhekk wieħed japprezza li l-każ inqata f'Mejju u l-festa saret f'Awwisu, spazju ta' tlett xhur biss.


L-Għaqda Mużikali San Leonardu
trodd ħajr lil

tal-appoġġ muri fil-mument tal-bżonn.
F'isem il-Kumitat Ċentrali u
s-Soċi tal-Għaqda msemmija nixtieq
nirringrazzjak u nassigurak
li l-ġest tiegħek se jkun
apprezzat għal dejjem.

Louis Zammit
President

Ċertifikat ta' ringrazzjament lid-donaturi

### 3.2.3.1 Appell dwar il-likwidazzjoni tad-danni

Ta' min wieħed jieqaf ftit hawnhekk u jispjega punt legali importanti. Kull sentenza mogħtija minn qorti tal-prim'istanza jkollha terminu ta' għoxrin ġurnata li fih jista' jiġi ntavolat appell. Jekk dan ma jsirx, il-parti li tkun tilfet il-każ ikollha bilfors toqgħod għas-sentenza u tissodisfa l-kreditu dovut lejn min ikun rebaħ il-każ. Jekk ma tagħmilx dan, il-kreditur jista', fost l-oħrajn, jaħtaf l-assi tad-debitur, u jirkantahom.

Għalkemm kif għidt aktar 'il fuq, is-somma nġabret fi żmien qasir, il-biżà tal-possibilità li dan ma jseħħx fi żmien għoxrin ġurnata wassalni biex nagħti l-parir li jsir appell mis-sentenza. L-appell sar fuq il-bażi li d-danni allegati minn Vella ma kinux ġew ippruvati, u li fi kwalunkwe każ, il-likwidazzjoni li saret mill-Qorti kienet waħda eċċessiva. Fl-istess waqt, ma kelli ebda dubju li ma kellna ebda ċans li nirbħu dan l-appell. Dan għaliex il-Qorti tal-Appell ma tismax xhieda iżda toqgħod fuq il-fatti kif misjuba mill-Qorti tal-prim'istanza. Infatti, l-unika għan li għalih sar l-appell kien sabiex jintrebaħ ftit żmien sabiex is-somma tilħaq tinġabar u mhux għax kien hemm xi tama li tali appell seta' jirnexxi. L-appell ġie ntavolat fit-22 ta' Mejju, 2009 permezz ta' rikors numru 1421/2002/1 quddiem il-Qorti tal-Appell ippreseduta mill-Imħallfin l-Onor Dr. Silvio Camilleri, Dr. Albert J Magri u Dr. Tonio Malia.

Ippermettuli hawnhekk nispjega punt legali ieħor. Fi kliem sempliċi, meta parti f'kawża tappella mis-sentenza, il-parti l-oħra jkollha d-dritt li tappella inċidentalment hi wkoll fi żmien għoxrin ġurnata mill-appell prinċipali. Fil-fatt, dan kien dak li ġara f'dan il-każ. It-tabib Vella ħa l-opportunità li hu jappella inċidentalment u jitlob somma ta' danni akbar. Naturalment, il-possibiltà li din it-talba ta' Vella tintlaqa' kienet remota daqskemm kienet remota l-possibilità li tintlaqa' t-talba tagħna, madankollu huwa u ħutu xorta riedu jieħdu ċans.

Ir-risposta għall-appell tal-Għaqda, u l-appell inċidentali ta' Vella ġew intavolati fit-12 ta' Ġunju, 2009. Vella talbu r-riforma tas-sentenza tas-6 ta' Mejju, 2009 "*in kwantu l-likwidazzjoni*

*tad-danni ma tirrifettix id-danni realment sofferti mill-atturi."* Huma u jagħmlu dan ikkowtaw mir-rapport tal-perit Anthony A. Briffa li kien ta stima ta' kera annwali ammontanti ghal Lm4,250. Għaldaqstant huma talbu l-kera dovuta mill-1987 sal-2009 u li skont huma kienet tammonta għas-somma ta' €217,796.48. Ma' dan huma talbu wkoll is-somma ta €47,111.58 rappreżentanti telf ta' oġġetti li kien hemm fil-fond fid-data tar-rekwiżizzjoni, kif ukoll is-somma ta' €40,000 sabiex il-fond jiġi ripristinat fl-istat oriġinali tiegħu. Dawn il-figuri kollha jammontaw għas-somma globali ta'€304,908.06, u li minnhom l-Għaqda kienet responsabbli għal tlett kwarti, jiġifieri għal total ta' €228,681.04.

Fil-frattemp, ferħanin li ġbarna s-somma u ħerqanin li nagħlqu dan il-kapitlu mill-aktar fis, iffissajna appuntament mat-tabib Vella. Fil-15 ta' Ġunju, 2009, jiena flimkien mas-Segretarju s-sur Kenneth Cassar, l-eks Segretarju s-sur Leonard Calleja u l-avukat tal-Għaqda Dr. Edward Zammit Lewis konna lqajna mat-tabib Vella ġewwa Ħal Lija fir-residenza tal-avukat tiegħu, il-Professur Ian Refalo. Jekk ħsibna li konna se nagħmlu xi pass 'il quddiem b'din il-laqgħa, morna żmerċ 'il għaliex inżilna lura Ħal Kirkop biċ-ċekk f'idejna – it-tabib Vella baqa' ma jridx jaf, anke jekk kellu kull dritt jaċċetta s-somma likwidata mill-Qorti. Kieku dan ġara, aħna konna nċedu l-appell tagħna, Vella jċedu l-appell inċidentali tagħhom, u parti kbira mill-kwistjoni kollha kienet tingħalaq hemmhekk.

Fis-seduta ġenerali annwali li saret fis-17 ta' Ottubru, 2011, is-soċi ddeċidew li l-Għaqda ma kellhiex tħallas il-garanzija tas-smiegħ tal-appell, u dan sabiex l-appell tal-Għaqda jiġi dikjarat deżert. Dan infatti seħħ fis-seduta tal-Qorti tal-Appell tal-10 ta' Jannar, 2012 fejn il-Qorti ddikjarat illi *"l-appell prinċipali tal-Każin San Leonardo ma ġiex kawtelat skont il-Liġi u tiddikjara l-appell tal-istess Każin San Leonardo deżert."*

Is-sentenza finali dwar il-likwidazzjoni tad-danni għandha tingħata f'Settembru li ġej.

## 4. Konklużjoni

Din ir-riċerka bdejtha fit-18 ta' Awwissu tas-sena l-oħra, f'nofs il-festa tas-sena 2011. Dak iż-żmien kelli l-ħsieb li r-riċerka nwettaqha bit-temp tiegħi u li nippubblikaha meta jgħaddi l-maltemp kollu minn fuq l-Għaqda tagħna. Sa dakinhar ma kellna ebda indikazzjoni li sas-sena ta' wara kienu ser jiġru ġrajjiet li kellhom jassumu importanza fundamantali fl-istorja tal-Għaqda. Malli dan it-tibdil deher imminenti, allura kelli nħaffef il-pass tal-kitba u r-riċerka sabiex l-istudju kollu jkun lest sal-festa ta' din is-sena. Ikolli nammetti li ma kinitx ħaġa faċli nagħmel dan fis-sigħat ta' tard bil-lejl u ma kinux ftit il-waqtiet fejn qtajt qalbi li kien ser jirnexxili nagħmel dan. Apparti minn hekk, kien hemm xi dokumenti li xtaqt nakkwista sabiex dan l-istudju jkun aktar komplut, u li sad-data tal-pubblikazzjoni ma rnexxilix nikseb – fix-xhur li ġejjin se nkun qed inkompli naħdem f'dan ir-rigward sabiex ir-riċerka tkun aktar kompluta.

Forsi wħud minnkom bħalissa qed tiddiżappuntaw ruħkom li l-istudju waqaf hawn u ma nkludiex ġrajjiet importanti oħra li seħħew fil-ħajja tal-Għaqda fl-aħħar ftit xhur. Bħalma ħafna minnkom drajtu żżommu paċenzja, inwiegħedkom li fis-snin li ġejjin se nkunu qegħdin nippubblikaw studji ġodda fuq dawn l-aspetti wkoll. Ngħidilkom biss illi r-riċerka kollha diġà hija lesta, u hija biss kwistjoni li jasal iż-żmien opportun li din tiġi pubblikata – kollox f'ħinu u f'waqtu. Bħalma żgur li tafu, bħalissa qegħdin naħdmu fuq proġett importanti immens illi fis-snin li ġejjin se jkun qed joffrilna l-opportuntità li nagħlqu l-kapitlu problematiku tal-Għaqda tagħna darba għal dejjem u nibdew kollox mill-ġdid. Għalkemm it-triq hija twila

u mimlija ostakli, żgur li bis-sostenn finanzjarju tagħkom partitarji b'qalb kbira kif ukoll bl-għajnuna ta' San Leonardu żgur li mhux ser naqtgħu qalbna u ser nibqgħu naħdmu sabiex fi ftit żmien ieħor niktbu fl-istorja tal-Għaqda tagħna paġna mill-isbaħ tad-deheb li din qatt jista' jkollha.

Nagħlaq dan l-artiklu b'għadd ta' ringrazzjamenti. Ippermettuli l-ewwel u qabel kollox nirringrazzja tlett persuni illi flimkien qattajna siegħat sħaħ inħabblu rasna, nippjanaw, ninkwetaw, nittamaw, naqtgħu qalbna u nagħmlu kuraġġ lil xulxin: il-President is-sur Louis Zammit, is-Segretarju s-sur Kenneth Cassar u l-Kaxxier is-sur Daniel Bonnici. Magħhom nirringrazzja lil sħabna tal-Kumitat Ċentrali u lis-soċi tal-fiduċja għamja illi kellhom fina.

Fuq nota personali nrodd ħajr lis-sur Leonard Agius li miegħu, bilqiegħda fuq il-bankijiet tal-Qorti, għixt mumenti suwed fl-istorja tal-Għaqda, kif ukoll lis-sur Matthew Cassar, li kien jokkupa l-kariga ta' Kaxxier fiż-żmien li nqatgħet is-sentenza ta' Mejju 2009 u li permezz tagħha konna ġejna kkundannati nħallsu somom kbar ta' flus f'danni. Miegħu flimkien mal-bqija tal-Kumitat għixt żmien ta' qtiegħ il-qalb, u miegħu ukoll ħadt id-deċiżjoni li l-Għaqda kellha tappella mis-sentenza sabiex tirbaħ ftit taż-żmien fil-każ li s-somma kollha ma tilħaqx tinġabar.

Fl-aħħarnett ippermettuli nirringrazzja lil marti tal-paċenzja li ħadet bija tul dan il-proċess kollu. Minjaf kemm-il darba kellna nħassru appuntamenti sabiex jiena nkun nista' nattendi ma' sħabi għal xi laqgħa bejnietna jew inkella ma' terzi li kienu qed jagħtuna l-għajnuna tagħhom.

Il-Ġimgħa 25 ta' Mejju, 2012 għalija tirrappreżenta d-data li fiha l-Għaqda tagħna ingħatat it-tieni ċans - iċ-ċans li terġa' titwieled mill-ġdid. Kemm se ngħożżu dan iċ-ċans jiddependi minna - u minna biss. Minn dak kollu li tkellimna dwaru f'dan l-artiklu wieħed jista' jislet bosta tagħlimiet. Ewlenin fost dawn hemm dik illi wieħed għandu jkun prudenti u qatt u għall-ebda raġuni m'għandu jagħmel xogħolijiet fis-sede tal-Għaqda mingħajr il-permessi neċessarji tal-awtoritajiet kompetenti. Fil-prattika, dan l-aġir ma huwa differenti xejn minn meta wieħed jieħu l-liġi b'idejh – naturalment, għal kull tali azzjoni jkun hemm konsegwenzi mhux pjaċevoli, u ta' dan l-Għaqda għandha esperjenza qarsa ferm.

**L-Għaqda Mużikali San Leonardu tirringrazzja lill-awtoritajiet konċernati tal-għajnuna u l-kooperazzjoni li dejjem sabet mingħandhom**